

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11486/22

RC 44

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 337 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 337 final.

Mehmuż: COM(2022) 337 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2022
COM(2022) 337 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni

{SWD(2022) 188 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni

Werrej

1. Introduzzjoni	2
2. L-iżgurar li r-Regoli tal-Kompetizzjoni Jibqgħu Xierqa għall-Futur – Progress fir-rigward tal-Aġenda ta’ Politika Estensiva	4
2.1. Inizjattivi leġislattivi ġodda għat-tisħiħ tas-sett ta’ għodod tal-politika tal-kompetizzjoni.....	4
2.2. L-aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-antitrust u l-fużjonijiet sabiex dawn isiru adattati għal sfidi ġodda	5
2.3. L-aġġornament tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-gwida sabiex dawn isiru adattati għal sfidi ġodda	8
2.4. L-aġġustament tad-DĠ Kompetizzjoni għall-ħtiġijiet attwali u futuri ta’ infurzar ...	13
3. L-infurzar tal-Politika tal-Kompetizzjoni Kkontribwixxa għat-Tranżizzjoni Diġitali u għal Suq Uniku b’Saħħtu u Reżiljenti.....	15
3.1. L-infurzar fl-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b’saħħtu u reżiljenti.....	15
3.2. Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b’saħħtu u reżiljenti.....	19
3.3. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għar-reżiljenza tas-Suq Uniku	21
4. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika.....	21
4.1. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-Tranżizzjoni ekoloġika.....	22
4.2 L-infurzar tal-antitrust u l-kontroll tal-fużjonijiet jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.....	23
5. Il-Politika tal-Kompetizzjoni kkontribwiet għal Ekonomija għas-Servizz għan-nies	25
5.1. Servizzi finanzjarji Ewropej reżiljenti	25
5.2. Għajnuna fiskali mill-Istat u vantaġġi selettivi tat-taxxa.....	26
5.3. Il-politika tal-kompetizzjoni komplet ittaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali mill-pandemija tal-COVID-19.....	27
6. Nġhaqqdu l-Forzi fit-Trawwim ta’ Kultura ta’ Kompetizzjoni Ewropea u Globali	30

6.1. Il-Koeżjoni ta' Politika permezz tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni	30
6.2. Il-kooperazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni madwar id-dinja.....	31

1. Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali dwar il-Kompetizzjoni tal-2021, indirizzat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, jellabora dwar l-aktar żviluppi importanti fil-politika tal-kompetizzjoni u fl-infurzar tal-UE fl-2021.

Il-politika tal-kompetizzjoni hija waħda mill-pedamenti tas-Suq Uniku tal-UE. Infurzar vigoruż tal-politika tal-kompetizzjoni jipprovdi lin-negozji u lill-konsumaturi Ewropej għażla, innovazzjoni, kwalità u prezzijiet kompetittivi. F'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni, l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni jrawwem ukoll il-kompetizzjoni lejn irkupru wara l-pandemija u ekonomija aktar ekoloġika, aktar diġitali, aktar reżiljenti u aktar inklużiva fl-UE.


Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti jappoġġa l-intraprenditorija fl-istadji kollha, jippermetti lin-negozji ta' kull daqs jibbenefikaw kemm jistgħu mill-iskala tas-Suq Uniku u jużaw dik l-iskala bħala vantaġġ kompetittiv sabiex jikkompetu aħjar f'ekonomija globalizzata. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE mhux biss trid tiġi infurzata b'mod effettiv u konsistenti iżda trid issir ukoll b'aġilità biżżejjed sabiex tindirizza l-isfidi attwali u futuri.

Fl-2021, taħt it-tmexxija tal-Viċi President Eżekuttiv Vestager, il-politika tal-kompetizzjoni kompliet taqdi rwol importanti fir-rispons tal-UE għall-kriżi, u wriet il-kapaċità interna tagħha li tirreaġixxi malajr għal bidliet f'daqqa fl-ekonomija. Il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat sabiex tiġi appoġġata l-ekonomija fit-tifqigħa attwali tal-COVID-19 ippermetta l-appoġġ meħtieġ u proporzjonat mill-Istati Membri lil negozji li kienu vijabbli b'mod ieħor li spiċċaw fil-periklu minħabba l-pandemija. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll perkors għal eliminazzjoni gradwali progressiva ta' miżuri ta' kriżi relatati mal-pandemija fl-ambitu tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat, flimkien ma' miżuri sabiex tingħata spinta u jiġi attirat l-investment privat. Sabiex tnaqqas l-impatt soċjali u ekonomiku negattiv fuq l-UE kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni se terġa' tuża l-flessibbiltà tas-sett ta' għodod tal-politika dwar l-għajjnuna mill-Istat. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jimminimizzaw l-effetti ekonomiċi negattivi mingħajr ma jxekkel il-kompetizzjoni fl-UE aktar minn dak li huwa strettament meħtieġ.

Il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha sabiex tagħmel is-swieq jiffunzjonaw aħjar għaċ-ċittadini u għan-negozji tad-daqsijiet kollha billi infurzat ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE fl-oqsma tal-antitrust, il-kontroll tal-fużjonijiet u l-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat – fis-setturi diġitali u f'setturi oħrajn – filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet ta' kull suq. Il-Kummissjoni għamlet dan filwaqt li ħadmet id f'id mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs) tal-Istati Membri u taħt l-iskrutinju tal-qrati tal-UE.

Kif stabbilit *fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda*¹, il-Kummissjoni qiegħda twettaq rieżami mingħajr preċedent tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, li jkopri aktar minn 20 sett ta' regoli bl-objettiv li jiġi żgurat li l-istrumenti tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE jibqgħu validi fil-futur u jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, il-proċess ta' rkupru, ir-rispons għall-iżviluppi ekonomiċi u t-trawwim tar-reżiljenza tas-Suq Uniku.

Il-Kummissjoni tinsab ukoll fil-proċess li tikkomplementa s-sett ta' għodod tal-politika tal-kompetizzjoni bi strumenti ġodda mfassla sabiex jindirizzaw is-sussidji barranin u l-gwardjani diġitali. F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ressqet Proposta għal Regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern². Fl-2021, sar progress sinifikanti mill-koleġislaturi fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar is-Swieq Diġitali.



Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet iżżid l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha fl-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni. Id-DĠ Kompetizzjoni kompli bl-isforzi tiegħu sabiex jiddiġitalizza l-proċessi tiegħu għat-trattament tal-każijiet. Is-sena gābet ukoll bidliet kbar fl-użu ta' riżorsi finanzjarji direttament għall-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni permezz ta' baġit operazzjonali ddedikat. Il-Programm tas-Suq Uniku (SMP)³ u l-komponent tiegħu għall-politika tal-kompetizzjoni, b'baġit ta' EUR 20,4 miljun għall-2021, jipprovdi finanzjament stabbli ta' miżuri li jsaħħu l-kapaċità ta' infurzar, l-inizjattivi ta' politika, il-kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll il-promozzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni min-naħa tal-

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda, COM(2021)713, 18.11.2021.

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, COM(2021) 223 final, 5.5.2021.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1-47. Ir-Regolament beda japplika b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.

Kummissjoni. L-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tad-DG Kompetizzjoni tappoġġa l-ambizzjoni tal-Viċi President Eżekuttiv li tikkomunika b'mod proattiv il-benefiċċji tal-politika tal-kompetizzjoni b'mod ċar, konsistenti u kontinwu.

2. L-iżgurar li r-Regoli tal-Kompetizzjoni Jibqgħu Xierqa għall-Futur – Progress fir-rigward tal-Aġenda ta' Politika Estensiva

2.1. Inizjattivi leġiżlattivi ġodda għat-tisħiħ tas-sett ta' għodod tal-politika tal-kompetizzjoni

Bħala parti mill-Istrateġija Diġitali tal-UE⁴ sabiex tindirizza l-isfidi diġitali sistemiċi bħat-tixrid tat-theddud ċibernetiku, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni, il-kompetizzjoni limitata u l-ġustizzja fis-swieq diġitali, f'Diċembru tal-2020 il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti leġiżlattivi, jigiġifieri l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)⁵ u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA)⁶. Id-DMA jipproponi sensiela ta' obbligi li japplikaw direttament għal ditti li jaġixxu bħala gwardjani importanti għan-negozji u għall-konsumaturi fis-Suq Uniku. Id-DMA baqa' prijorità leġiżlattiva ewlenija fl-2021 kif muri mill-adozzjoni tal-mandati rispettivi tal-koleġislaturi f'Novembru u f'Diċembru tal-2021⁷.

F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern⁸. Filwaqt li l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri tal-UE hija skrutinizzata mill-qrib, is-sussidji mogħtija minn pajjiżi barra mill-UE lil kumpaniji attivi fl-UE fil-biċċa l-kbira ma jiġux ikkontrollati. Ir-regoli l-ġodda jindirizzaw is-sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-Suq Uniku. Skont ir-Regolament propost, il-Kummissjoni tista' tinvestiga s-sussidji mogħtija minn Stati barranin lil ditti attivi fl-UE u tirrimedja – fejn xieraq – l-effetti distortivi kkawżati minn tali appoġġ mill-Istat⁹.

⁴ Shaping Europe's Digital Future, Commission publication of 19.2.2020, ISBN 978-92-76-16362-6.

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM(2020) 825 final, 15.12.2020.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), COM(2020) 842 final, 15.12.2020.

⁷ Stqarrija għall-istampa, "Regolamentazzjoni tat-'teknoloġija kbira': il-Kunsill jaqbel dwar it-tisħiħ tal-kompetizzjoni fl-isfera diġitali", il-25 ta' Novembru 2021, disponibbli fuq <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/11/25/regulating-big-tech-council-agrees-on-enhancing-competition-in-the-digital-sphere/>; u stqarrija għall-istampa, "L-Att dwar is-Swieq Diġitali: Il-Parlament lest biex jibda n-negozjati mal-Kunsill", il-15 ta' Diċembru 2021, disponibbli fuq <https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/2021/12/10IPR19211/l-att-dwar-is-swieq-digitali-il-pe-lest-biex-jibda-n-negozjati-mal-kunsill>.

⁸ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern, COM(2021) 223 final, 5.5.2021.

⁹ Il-proposta tinkludi tliet għodod: (i.) il-konċentrazzjonijiet proposti fejn il-kumpanija fil-mira jkollha fatturat tal-UE ta' mill-anqas EUR 500 miljun u l-kontribuzzjoni finanzjarja barranija taqbeż il-EUR 50 miljun, ikollhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni; (ii.) offeriti fi proċeduri tal-akkwist pubbliku tal-UE li jinvolvu kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin fejn il-valur tal-akkwist ikun mill-anqas EUR 250 miljun ikollhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni; u (iii.) il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tinvestiga sitwazzjonijiet oħrajn tas-suq *ex officio*, inklużi konċentrazzjonijiet iżgħar u proċeduri iżgħar ta' akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni jkollha kompetenza esklużiva sabiex tinforza r-Regolament. Meta l-effetti negattivi tas-sussidju barrani jegħlbu l-effetti pożittivi tiegħu, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi miżuri ta' rimedju jew taċċetta impenji sabiex tirrimedja d-distorsjoni. Tali miżuri u impenji jinkludu firxa ta' rimedji strutturali jew ta' mgħiba, bħall-iżvestiment ta' ċerti assi jew il-projbizzjoni ta' ċerta mgħiba fis-suq. Il-Kummissjoni se jkollha wkoll is-setgħa li tipprobbixxi konċentrazzjoni ssussidjata jew l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku lil offerent sussidjat.

2.2. L-aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-antitrust u l-fużjonijiet sabiex dawn isiru adattati għal sfidi ġodda

L-iskop tar-rieżami li għaddej bħalissa tar-regoli ewlenin dwar l-antitrust u l-fużjonijiet huwa li jiġu evalwati r-regoli fis-seħħ u li jiġu aġġustati fejn meħtieġ, filwaqt li jinżamm il-pass mal-iżviluppi tas-suq li ttrasformaw il-mod kif joperaw in-negozji, inkluż it-tkabbir tal-kummerċ elettroniku u tal-pjattaformi online. Il-Kummissjoni qiegħda tivvaluta wkoll jekk hijiex meħtieġa gwida ulterjuri għall-parteciġanti fis-suq.

It-tkomplija tar-rieżami tar-regoli dwar il-provvista vertikali u l-kooperazzjoni orizzontali

Il-ftehimiet vertikali, bħal dawk bejn il-fornituri ta' prodotti jew servizzi u d-distributuri tagħhom, huma komuni fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-UE. F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tar-Regolament rivedut ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali (VBER) u l-Linji Gwida Vertikali¹⁰. L-għan tar-reviżjoni li għaddejja bħalissa huwa li jiġu ċċarati u ssimplifikati ċerti dispożizzjonijiet u li jimtlew il-lakuni regolatorji perċepiti fejn ir-regoli attwali jistgħu ma jibqgħux xierqa għall-iskop tagħhom minħabba żviluppi tas-suq bħat-tkabbir tal-bejgħ online u l-ħolqien ta' tipi ġodda ta' impriżi ta' pjattaforma. Il-Kummissjoni għandha l-għan li jkollha fis-seħħ regoli ġodda meta r-regoli attwali jiskadu fil-31 ta' Mejju 2022.

Fir-rigward tar-rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE dwar il-kooperazzjoni orizzontali, l-iskop ta' dawn ir-regoli huwa li jagħmluha aktar faċli għall-impriżi sabiex jikkooperaw b'modi li jkunu ekonomikament mixtieqa u mingħajr effett avvers mill-perspettiva tal-politika tal-kompetizzjoni. F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat is-sejbiet tal-evalwazzjoni¹¹ taż-żewġ regolamenti orizzontali dwar l-eżenzjoni ta' kategorija dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-ftehimiet ta' speċjalizzazzjoni (fil-qasir il-BER tar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-BER ta' Speċjalizzazzjoni rispettivament, flimkien l-HBERs), flimkien mal-Linji Gwida Orizzontali. F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar l-opzjonijiet ta' politika għar-reviżjoni tar-regoli¹². Dan minħabba li ż-żewġ regolamenti se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni għandha l-għan li jkollha r-regoli l-ġodda fis-seħħ sa din id-data.

Sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tar-regoli dwar il-ftehimiet orizzontali

L-evalwazzjoni wriet li r-regoli dwar il-ftehimiet orizzontali jibqgħu għodod utli għan-negozji. Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat diversi oqsma fejn ir-regoli ma humiex adattati biżżejjed għad-diġitalizzazzjoni u għall-ilħuq tal-għanijiet ta' sostenibbiltà. Uħud mid-dispożizzjonijiet fl-HBERs jitqiesu bħala riġidi u kumplessi, filwaqt li oħrajn jitqiesu mhux ċari u diffiċli sabiex jiġu interpretati mill-kumpaniji. B'mod aktar speċifiku, il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni fil-BER tar-Riċerka u l-Iżvilupp jaf ma għadhomx ottimali sabiex ikopru l-ftehimiet favur il-kompetizzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-kamp ta' applikazzjoni tal-BER ta' Speċjalizzazzjoni jista' jkun limitat wisq. Xi dispożizzjonijiet fl-HBERs u fil-Linji Gwida Orizzontali huma kkunsidrati wkoll mhux ċari jew stretti

¹⁰ Konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tar-Regolament rivedut dwar il-ftehimiet vertikali u l-linji gwida vertikali, mid-9.7.2021 sas-17.9.2021. Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/public-consultations/2021-vber_en

¹¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Evalwazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Orizzontali, SWD (2021) 103, 6.5.2021.

¹² Konsultazzjoni pubblika - Ftehimiet orizzontali bejn il-kumpaniji, mit-13.7.2021 sal-5.10.2021. Ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13058-Horizontal-agreements-between-companies-revision-of-EU-competition-rules/public-consultation_mt

wisq. Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida Orizzontali ftit li xejn joffru gwida dwar l-iżviluppi reċenti tas-suq bħall-objettivi tad-diġitalizzazzjoni, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà¹³ fi ftehimiet orizzontali (pereżempju, dawn ma jipprovdux ċertezza legali suffiċjenti għall-awtovalutazzjoni tal-ftehimiet li jsewgu l-objettivi ta' sostenibbiltà u l-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tad-*data*/tal-ġbir tad-*data*.

F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll is-sejbiet tal-evalwazzjoni¹⁴ dwar il-funzjonament tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur (MVBBER)¹⁵. Il-Kummissjoni kkonkludiet li filwaqt li l-prinċipji tal-MVBBER jibqgħu validi, il-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda u r-rwol dejjem akbar tad-*data* f'din l-industrija għandhom jiġu riflessi fil-gwida tal-Kummissjoni li takkumpanja l-MVBBER. L-MVBBER attwali se jiskadi fil-31 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrifletti fuq is-segwitu ta' dawn is-sejbiet, filwaqt li tqis ukoll ir-rieżami li għaddej bħalissa tal-VBER.

Il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq

L-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq¹⁶ jipprovdi gwida importanti dwar kif il-Kummissjoni tapplika l-kunċetti ta' swieq tal-prodotti u ġeografiċi rilevanti fl-infurzar tal-kompetizzjoni. F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq¹⁷. Abbażi tas-sejbiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrieżamina l-Avviż u se tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tal-Avviż rivedut dwar id-Definizzjoni tas-Swieq fl-2022.

Sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prinċipji tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq, abbażi tal-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE, għadhom sodi. Madankollu, dawn jistgħu ma jirriflettux bis-sħiħ l-iżviluppi reċenti fil-prattika tad-definizzjoni tas-swieq, bħal dawk relatati mad-diġitalizzazzjoni. Oqsma fejn l-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq jista' ma jkunx aġġornat bis-sħiħ jinkludu: (i.) l-użu u l-iskop tat-test SSNIP (żieda zġhira sinifikanti mhux tranżizzjonali fil-prezz) fid-definizzjoni tas-swieq rilevanti; (ii.) is-swieq diġitali, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti jew servizzi kkummerċjalizzati bi prezz monetarju zero u fir-rigward tal-ekosistemi diġitali; (iii.) il-valutazzjoni tas-swieq ġeografiċi f'kundizzjonijiet ta' globalizzazzjoni u kompetizzjoni fuq l-importazzjoni; (iv.) tekniki kwantitattivi għad-definizzjoni tas-swieq; (v.) il-kalkolu tal-ishma mis-suq; u (vi.) il-kompetizzjoni mhux ibbażata fuq il-prezzijiet (inkluża l-innovazzjoni).

¹³ L-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli tidentifika 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (bħall-azzjoni klimatika, l-enerġija affordabbli u nadifa jew l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura) u 169 mira (li jinkludu iżda ma humiex limitati għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità adattiva għad-diżastri relatati mal-klima, it-tmiem tad-deforestazzjoni u r-restawr ta' foresti degradati jew l-iżvilupp ta' infrastrutturi sostenibbli, reżiljenti u inklużivi).

¹⁴ Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) jiġbru fil-qosor il-konklużjonijiet. Rapport tal-Kummissjoni, Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur (UE) Nru 461/2010, COM(2021)264, 28.5.2021. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-mutur li jakkumpanja d-dokument Rapport tal-Kummissjoni, Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur (UE) Nru 461/2010, SWD(2021)112, 28.5.2021.

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma, ĠU L 102, 23.4.2010, p. 1-7.

¹⁶ L-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità, ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5-13.

¹⁷ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità tad-9 ta' Diċembru 1997, SWD(2021) 199, 12.7.2021. Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/system/files/2021-07/evaluation_market-definition-notice_en.pdf

Abbozz ta' Linji Gwida ppubblikat dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni għal ftehimiet kollettivi għal persuni li jaħdmu għal rashom

Xi persuni li jaħdmu għal rashom ftit li xejn għandhom influwenza fuq il-kundizzjonijiet tal-ħlas u tax-xogħol tagħhom. In-negozjar kollettiv jista' jkun għodda importanti sabiex jinkisbu termini aħjar iżda xi individwi li jaħdmu għal rashom jistgħu jitqiesu bħala “impriżi” u għalhekk il-ftehimiet kollettivi jistgħu jiġu koperti mir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. Sabiex tindirizza din il-kwistjoni, f'Jannar tal-2021 il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar opzjonijiet ta' politika differenti, l-ewwel b'valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, u mbagħad bi kwestjonarju dettaljat f'Marzu tal-2021¹⁸. Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat għall-konsultazzjoni abbozz ta' Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom¹⁹. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-input mill-partijiet ikkonċernati bil-għan li tippubblika verżjoni finali tal-Linji Gwida fl-2022.

Il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-aspetti proċedurali u ġurisdizzjonali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE u gwida ulterjuri dwar l-Artikolu 22

L-oġettiv tal-evalwazzjoni tal-aspetti proċedurali u ġurisdizzjonali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE kien li jiġu analizzati kif ċerti regoli tal-fużjonijiet iffunzjonaw fl-ambitu tal-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jevolvu. L-evalwazzjoni ffokat b'mod partikolari fuq żewġ suġġetti: (i.) l-effettività tal-livelli limitu ġurisdizzjonali fuq il-bażi tal-fatturat sabiex jiġu koperti konċentrazzjonijiet li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku; u (ii.) l-effettività tal-proċedura ta' notifika simplifikata introdotta fl-2013. F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat is-sejbiet tal-evalwazzjoni²⁰.

Sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tal-aspetti proċedurali u ġurisdizzjonali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livelli limitu ġurisdizzjonali bbażati fuq il-fatturat flimkien mal-mekkaniżmu ta' riferiment b'mod ġenerali wrew li kienu effettivi sabiex ikopru t-tranżazzjonijiet rilevanti fis-Suq Uniku tal-UE. Madankollu, l-iżviluppi riċenti fis-suq irriżultaw f'żieda gradwali fl-akkwizzjonijiet ta' ditti li għandhom rwol kompetittiv deċiżiv jew li jista' jkollhom dan ir-rwol, minkejja li jiġġeneraw ftit jew l-ebda fatturat fiż-żmien tal-fużjoni. L-evalwazzjoni kkonkludiet li, f'ċerti każijiet, it-tranżazzjonijiet b'impatt negattiv potenzjali fuq il-kompetizzjoni la ġew rieżaminati mill-Kummissjoni, u lanqas minn xi Stat Membru. Dan kien jinkludi b'mod partikolari akkwizzjonijiet immirati lejn ditti emerġenti b'potenzjal kompetittiv u ditti innovattivi inklużi dawk fis-setturi diġitali, farmaċewtiċi, tal-bijoteknoloġija u ċerti setturi industrijali oħrajn iżda mhux limitati għalihom. Il-valur tad-ditta fil-mira mhux dejjem kien korrelat b'żewġ mal-effetti potenzjali antikompetittivi tat-tranżazzjoni.

¹⁸ Ftehimiet ta' negozjar kollettiv għal persuni li jaħdmu għal rashom – kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, il-perjodu ta' konsultazzjoni mill-5.3.2021 sal-31.5.2021. Ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12483-Collective-bargaining-agreements-for-self-employed-scope-of-application-EU-competition-rules/public-consultation_mt

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, 9.12.2021 C(2021) 8838 final ANNESS. L-abbozz tal-Linji Gwida huwa parti minn pakkett ta' inizzjattivi tal-Kummissjoni li jinkludi wkoll proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi u Komunikazzjoni dwar l-isfruttar tal-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni għall-futur tax-xogħol.

²⁰ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tal-aspetti proċedurali u ġurisdizzjonali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE, SWD(2021) 66 final, 26.3.2021.

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li ttiprovdi gwida dwar kif għandu jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' riferiment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet²¹ fiċ-ċirkostanzi speċifiċi fejn il-livelli limitu bbażati fuq il-fatturat ma jirriflettux il-potenzjal kompetittiv tal-mira u fejn it-tranżazzjoni ma tkunx notifikabbli lil xi Stat Membru skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni beħsiebha tteġġeg u taċċetta aktar riferimenti skont l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet²².

2.3. L-aġġornament tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-gwida sabiex dawn isiru adattati għal sfidi ġodda

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tar-regoli eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-gwida sabiex tiffaċilita aktar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u trawwem ir-reżiljenza tas-Suq Uniku meta jirkupra mill-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni kompliet issegwi l-iżviluppi tas-suq u tinsab lesta li taġġusta aktar l-għodod ta' politika tagħha sabiex l-UE tkun tista' ttrisspondi malajr għal kriżijiet emerġenti.

Aġġustamenti tal-Qafas Temporanju għall-għajjnuna mill-Istat

Aktar reċentement, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri dwar proposta sabiex il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2022, filwaqt li stabbiliet il-perkors għat-tneħħija gradwali u progressiva tal-appoġġ għall-kriżijiet relatati mal-pandemija. F'Novembru tal-2021, il-Kummissjoni adottat is-sitt emenda tal-Qafas Temporanju²³. L-estensjoni sat-30 ta' Ġunju 2022 tal-miżuri eżistenti fl-ambitu tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat se tevita effetti ta' preċipizju billi tipprevjeni li n-negozji jinqatgħu f'daqqa minn appoġġ pubbliku mmirat fi żmien meta disturbu serji li jaffettwaw lill-ekonomija tal-Istati Membri għadhom ma ntemmex. Il-Kummissjoni tkompli tqis kif xieraq l-iżviluppi li potenzjalment jaffettwaw lill-UE, inkluż l-impatt soċjali u ekonomiku fuq l-UE kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, sabiex taġixxi malajr u taġġusta l-għodod ta' politika tagħha fejn meħtieġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet żewġ għodod ġodda sabiex taġti spinta u jiġi attirat l-investment privat għal irkupru aktar veloċi, aktar ekoloġiku u aktar diġitali mill-pandemija. Il-Kummissjoni introduċiet appoġġ għall-investment lejn irkupru sostenibbli sal-31 ta' Diċembru 2022 u appoġġ għas-solvenza sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan ippermetta lill-Istati Membri jiksibu ingranaġġ ta' fondi privati u jagħmluhom disponibbli għal investimenti fl-SMEs, inklużi negozji ġodda u kumpaniji zġhar b'kapitalizzazzjoni medja.

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Gwida dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet għal ċerti kategoriji ta' każijiet, ĠU C 113, 31.3.2021, p. 1-6.

²² L-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet jippermetti lill-Istati Membri jitolbu lill-Kummissjoni teżamina kwalunkwe konċentrazzjoni li ma għandhiex dimensjoni tal-UE li taffettwa l-kummerċ transfruntier u thedded li tolqot b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fit-territorju tal-Istat(i) Membru/i li għamli t-talba, irrispettivament minn jekk tali tranżazzjoni tkunx notifikabbli skont ir-regoli ta' kontroll tal-fużjonijiet nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i referenti.

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Is-Sitt Emenda fil-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u emenda fl-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir 2021/C 473/01, C/2021/8442, ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1-15.

L-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija

Il-Kummissjoni kompliet bir-rieżami tagħha tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex tagħmilhom xierqa għall-iskop tagħhom u allinjati mal-għanijiet klimatiċi tal-UE. F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni Ewropea nediet konsultazzjoni pubblika²⁴ li fiha stiednet lill-partijiet interessati kollha sabiex jikkumentaw dwar ir-reviżjoni proposta tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Enerġija u l-Ambjent. F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni approvat il-Linji Gwida l-ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Klima, l-Enerġija u l-Ambjent (CEEAG)²⁵. Ir-reviżjoni twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida sabiex ikopru oqsma ekonomiċi ġodda bħall-mobbiltà nadifa u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Se tipprovi wkoll qafas flessibbli billi tippermetti appoġġ għat-teknoloġiji kollha li jistgħu jimplimentaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Linji Gwida huwa akkumpanjat minn salvagwardji li jiżguraw li l-għajnuna mill-Istat tkun diretta b'mod effiċjenti lejn fejn tkun meħtieġa u jirrikjedu lill-Istati Membri jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati meta jfasslu miżuri kbar ta' għajnuna mill-Istat. Is-CEEAG se jappoġġaw l-isforzi tal-UE lejn id-dekarbonizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari, il-bijodiversità, il-mobbiltà nadifa jew b'emissjonijiet żero u l-effiċjenza enerġetika tal-bini u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030 u l-2050. Is-CEEAG daħlu fis-seħħ f'Jannar tal-2022²⁶. Skont ir-regoli riveduti, ammont akbar ta' għajnuna mill-Istat se jitqies kompatibbli minn dak li kien jitqies qabel.

L-adozzjoni tal-Komunikazzjoni riveduta tal-IPCEI

Il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) jiġbru flimkien l-għarfien, l-għarfien espert, ir-riżorsi finanzjarji u l-atturi ekonomiċi madwar l-UE bil-ħsieb li jingħelbu fallimenti importanti tas-suq, fallimenti sistemiċi u sfidi tas-soċjetà li altrimenti ma setgħux jiġu indirizzati. Dawn jikkontribwixxu għat-tekabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, il-kompetittività u jsaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Sabiex jiġi evitat li dawn ifixklu l-kompetizzjoni fis-Suq Uniku, l-IPCEIs jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni fl-ambitu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-IPCEIs jippermettu innovazzjonijiet rivoluzzjonarji sal-ewwel użu industrijali u investimenti fl-infrastruttura ta' importanza kbira fejn ikun meħtieġ intervent pubbliku.²⁷ L-IPCEIs jagħtu spinta lill-intraprenditorija fl-UE, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jżidu r-reżiljenza tas-Suq Uniku. Wara evalwazzjoni u wara konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati kollha²⁸ dwar il-komunikazzjoni riveduta proposta, f'Novembru tal-2021 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni riveduta dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal Proġetti Importanti

²⁴ Konsultazzjonijiet pubbliċi mis-7.6.2021 sat-2.8.2021. Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/public-consultations/2021-ceeag_en

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija, 27.1.2022, C(2022) 481 final.

²⁶ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_22_566

²⁷ Fil-passat, il-finanzjament taħt il-Komunikazzjoni tal-IPCEI ġie approvat għal proġetti relatati ma' batteriji, mikroproċessuri u ċerti infrastrutturi.

²⁸ Formola tal-konsultazzjonijiet pubbliċi mit-23.2.2021 sal-20.4.2021. Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/public-consultations/2021-ipcei_en

ta' Interest Ewropew Komuni (il-Komunikazzjoni tal-IPCEI)²⁹. Il-Komunikazzjoni riveduta tal-IPCEI bdiet tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Il-Komunikazzjoni dwar ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għal Proġetti Importanti ta' Interest Ewropew Komuni

Il-Komunikazzjoni aġġornata twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-UE u l-karattru trasparenti tal-IPCEIs billi tistipula li l-IPCEIs normalment iridu jinvolvu mill-anqas erba' Stati Membri. Barra minn hekk, l-IPCEIs iridu jiffasslu b'mod trasparenti u inklużiv. Il-Komunikazzjoni riveduta tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-IPCEIs u ttejjeb il-benefiċċji tal-involviment tagħhom. Il-Komunikazzjoni tal-2021 dwar l-IPCEI tallinja l-oġettivi tagħha mal-prijoritajiet attwali tal-UE. Sabiex jiġu appoġġati l-istrateġiji ambjentali tal-UE u sabiex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, il-Komunikazzjoni riveduta dwar l-IPCEI tirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu evidenza tal-konformità tal-proġetti notifikati mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tiċċara l-kriterji li għandhom jintużaw meta jiġu kkombinati l-fondi tal-UE u daww nazzjonali.

Konsultazzjoni pubblika dwar il-Qafas dwar l-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

Il-Qafas dwar l-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (il-Qafas tar-RĴI)³⁰ jinċentiva attivitajiet riskjużi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni (RĴI), li ma jkunux iseħħu fin-nuqqas ta' appoġġ pubbliku. F'April tal-2021, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika bil-għan li tissimplifika l-Qafas eżistenti dwar l-ghajjnuna mill-Istat³¹. L-oġettiv huwa li jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-Istati Membri sabiex jappoġġaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, inkluż għall-SMEs u r-raggruppamenti tal-innovazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni jinżammu f'livell minimu kif ukoll li jiġu pprovduti l-inċentivi t-tajbin sabiex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE. Wara l-konsultazzjoni pubblika u l-kontributi li rċeviet, il-Kummissjoni tkompli bir-riflessjonijiet tagħha dwar kif għandha timmodernizza l-Qafas tar-RĴI u kif għandha tagħmlu b'tali mod li jibqa' validu fil-futur. Minħabba l-importanza tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u r-reżiljenza tas-Suq Uniku, dawn ir-riflessjonijiet dwar il-modernizzazzjoni tal-Qafas tar-RĴI jinkludu pereżempju oqsma bħall-ittestjar u l-esperimentazzjoni tal-infrastruttura kif ukoll l-iżvilupp u t-twassil ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji. Il-Kummissjoni tistenna li l-Qafas rivedut tar-RĴI jiġi adottat fl-2022.

Konsultazzjoni pubblika dwar il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-Broadband

Ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband (il-Linji Gwida dwar il-Broadband)³² jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-adozzjoni ta' networks tal-broadband f'żoni b'konnettività insuffiċjenti, bħal reġjuni remoti u skarsament popolati. Il-Linji Gwida jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw infrastruttura moderna li tipprovdi lill-utenti finali servizzi tal-broadband ta' kwalità għolja u affordabbli f'żoni fejn l-operaturi kummerċjali għandhom inċentivi limitati sabiex jinvestu.

²⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interest Ewropew komuni, C(2021) 8481 final.

³⁰ Qafas għall-ghajjnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.

³¹ Konsultazzjonijiet pubbliċi mit-8.4.2021 sat-3.6.2021. Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/public-consultations/2021-rdi_en

³² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-networks tal-broadband, ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1-26.

F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta-Linji Gwida dwar il-Broadband³³. Hija kkonkludiet li, b'mod ġenerali, ir-regoli eżistenti jaħdmu tajjeb u huma adattati għall-iskop tagħhom iżda li jkunu meħtieġa xi aġġustamenti biex ir-regoli attwali jiġu adattati għall-progress teknoloġiku reċenti. Huma meħtieġa investimenti adegwati biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika attwali tal-UE, b'mod partikolari s-Soċjetà Ewropea tal-Gigabits tal-UE 2025³⁴ u l-Kumpass Diġitali tal-2030³⁵. F'Novembru tal-2021, il-Kummissjoni ssottomettiet għall-konsultazzjoni pubblika l-Linji Gwida riveduti proposti dwar il-Broadband³⁶. Il-konsultazzjoni pubblika baqgħet miftuħa sal-11 ta' Frar 2022. L-abbozz tal-Linji Gwida għandu l-għan li jaġmilha aktar faċli għall-Istati Membri sabiex jistimulaw l-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband bi prestazzjoni għolja, inklużi networks tal-Gigabits u tal-5G, filwaqt li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa sabiex jiġu ffaċilitati l-programmi tal-UE

Bil-għan li tittejjeb l-interazzjoni bejn ir-regoli ta' finanzjament tal-UE u r-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali³⁷ l-ġdid, f'Lulju tal-2021 il-Kummissjoni adottat emendi għar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)³⁸. Dawn l-emendi jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament u jissimplifikaw ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat applikabbli għall-finanzjament nazzjonali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti programmi tal-UE adottati reċentement³⁹.

Bl-emenda tal-GBER, l-għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali għal proġetti ffinanzjati minn programmi ġestiti fil-livell tal-UE tista' tiġi implimentata direttament mill-Istati Membri mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' għajjnuna wara li jkunu ġew adottati. Barra minn hekk, il-GBER aġġornat jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għajjnuna mill-Istat għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Dan jippermetti grad ta' flessibilità sabiex il-kumpaniji li jkunu jeħtieġu appoġġ jiġu appoġġati malajr minħabba

³³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Evalwazzjoni tar-regoli dwar l-Għajjnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-broadband, SWD(2021) 194 final, 7.7.2021.

³⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv – Lejn soċjetà Ewropea tal-Gigabits, COM(2016) 0587 final.

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali, COM(2021) 118 final, 9.3.2021.

³⁶ Abbozz ta' Linji Gwida mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband, tad-19.11.2021,

³⁷ Ara: https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/long-term-eu-budget/2021-2027_mt

³⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajjnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 270, 29.7.2021, p. 39. Il-finanzjament pubbliku li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għajjnuna mill-Istat kif definiti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE normalment irid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni u approvat qabel ma dan jidħol fis-seħħ, sabiex jiġi żgurat li l-infiq pubbliku ma jikkawżax kompetizzjoni inġusta għall-kumpaniji li joperaw fis-suq intern tal-UE. Madankollu, l-Istati Membri ma humiex obbligati jinnotifikaw l-għajjnuna mill-Istat lill-Kummissjoni jekk l-għajjnuna inkwistjoni tissodisfa l-kriterji rilevanti kollha stabbiliti fil-GBER.

³⁹ Il-fondi nazzjonali kkonċernati huma dawk relatati ma': L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment appoġġati mill-Fond InvestEU; Proġetti ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni (RŻI) li rċevew "Siġill ta' Eċċellenza" taħt Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, kif ukoll proġetti ta' riċerka u żvilupp kofinanzjati jew azzjonijiet ta' Ħolqien ta' Timijiet taħt Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa; ċerti proġetti tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali trans-Ewropea ffinanzjati jew li rċevew "Siġill ta' Eċċellenza" taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; il-proġetti tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), magħrufa wkoll bħala Interreg.

effetti ekonomiċi negattivi kkawżati minn xokkijiet esterni mhux mistennija. L-eżenzjoni ta' kategoriji wiesgħa ta' għajnuna mill-Istat minn notifika minn qabel hija simplifikazzjoni kbira u tiffaċilita l-implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri.

Ir-reviżjoni tal-GBER dwar il-Patt Ekoloġiku

Il-GBER bħalissa għaddej minn reviżjoni mmirata li għandha l-oġettiv li tippermetti lill-Istati Membri jimmobilizzaw malajr aktar għajnuna għal proġetti ekoloġiċi, mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni. Ir-reviżjoni għandha l-għan li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER sabiex ikopri l-għajnuna għall-investimenti f'teknoloġiji ġodda bħall-qbid, il-ħżin jew l-użu tal-idroġenu u tal-karbonju, li huma essenzjali sabiex jiġu indirizzati dipendenzi strateġiċi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER se jiġi estiż għal oqsma li huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, pereżempju l-effiċjenza fir-riżorsi u l-bijodiversità. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-GBER għandha l-għan li tirfina d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna għall-investimenti f'oqsma ta' politika ewlenin bħar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u l-irriċarġjar u r-riforniment tal-infrastruttura għall-mobbiltà nadifa. Fl-aħħar nett, ir-regoli għad-definizzjoni tal-kostijiet eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna eliġibbli se jsiru aktar flessibbli.

L-adozzjoni tar-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju

F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni adottat Linji Gwida riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat li jippromwovu investimenti ta' finanzjament ta' riskju⁴⁰. Il-Linji Gwida riveduti jipprovdu numru ta' titjib li se jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Linji Gwida, jikkonsolida r-rekwiżiti eżistenti għall-valutazzjoni *ex ante* u jillimita r-rekwiżit li tiġi pprovduta analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-akbar skemi ta' finanzjament ta' riskju. Barra minn hekk, il-Linji Gwida riveduti jintroduċu kundizzjonijiet simplifikati għall-valutazzjoni ta' skemi mmirati esklużivament lejn negozji ġodda u SMEs li għadhom ma għamlux l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, ċerti definizzjonijiet inklużi fil-Linji Gwida huma allinjati ma' dawk fil-GBER⁴¹. Il-Linji Gwida riveduti bdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

L-adozzjoni tal-Komunikazzjoni riveduta dwar l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir

F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni riveduta dwar l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir (il-Komunikazzjoni STEC)⁴². Il-Komunikazzjoni tinkludi numru limitat ta' emendi. Pereżempju, il-Komunikazzjoni timmodifika l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-SMEs, li f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jibbenefikaw

⁴⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju, ĠU C 508, 16.12.2021, p. 1–36.

⁴¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78.

⁴² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir, ĠU C 497, 10.12.2021, p. 5-13.

mill-assigurazzjoni mill-Istat. Skont ir-regoli preċedenti, il-livell limitu għall-SMEs kien fatturat annwali mill-esportazzjoni ta' massimu ta' EUR 2 miljun. Il-Komunikazzjoni STEC riveduta żżid dan il-livell limitu għal EUR 2,5 miljun. Il-Komunikazzjoni STEC riveduta daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

L-adozzjoni tal-Linji Gwida Riveduti dwar l-Għajnuna Reġjonali

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw reġjuni l-anqas favoriti kif ukoll reġjuni li qegħdin jiffaċċjaw sfidi tranżizzjonali jew strutturali. Il-Linji Gwida jiżguraw ukoll l-integrità tas-Suq Uniku filwaqt li jqisu l-oġġettivi ta' koeżjoni tal-UE. Wara l-evalwazzjoni tar-regoli attwali fl-2019⁴³ u konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tat-test, f'April tal-2021 il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida riveduti dwar l-Għajnuna Reġjonali⁴⁴. Il-linji gwida riveduti jinkludu numru ta' aġġustamenti mmirati li jirriflettu l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-regoli preċedenti. Dawn iqisu wkoll prijoritajiet ta' politika ġodda relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Industrijali u Diġitali Ewropej. Il-Linji Gwida riveduti dwar l-Għajnuna Reġjonali daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

Il-pubblikazzjoni tal-evalwazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Agricoltura u l-Linji Gwida

F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat evalwazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Agricoltura u l-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agricoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali⁴⁵. L-evalwazzjoni kkonkludiet li b'mod ġenerali dawn ir-regoli huma xierqa għall-iskop tagħhom u jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-setturi kkonċernati⁴⁶. Madankollu, ċerti reviżjonijiet immirati jinkludu kjarifiki ta' xi kunċetti, aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni, l-allinjament mar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni⁴⁷ kif ukoll aġġustamenti sabiex jiġu riflessi l-prijoritajiet attwali tal-UE, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴⁸. Il-pass li jmiss huwa li ssir valutazzjoni tal-impatt, li teżamina l-kwistjonijiet identifikati matul l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni tistenna li r-regoli riveduti jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2022 meta jiskadu dawk attwali.

2.4. L-aġġustament tad-DĠ Kompetizzjoni għall-ħtiġijiet attwali u futuri ta' infurzar

It-trasformazzjoni diġitali

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-trasformazzjoni diġitali bħala prijorità politika ewlenija għall-mandat attwali tagħha (l-Ewropa Lesta għall-Era Diġitali), mhux biss sabiex tixpruna l-bidla

⁴³ Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

⁴⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat, ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1–46.

⁴⁵ Il-validità ta' dawn ir-regoli kienet preċedentement estiża sal-31 ta' Diċembru 2022. Ara: L-Avviż tal-Kummissjoni li jemenda l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agricoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u li jagħmel adattamenti temporanji biex jitqies l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU C 424, 8.12.2020, p. 30-31.

⁴⁶ L-evalwazzjoni vvalutat kif ttwettqu r-regoli attwali, fid-dawl tal-oġġettivi ewlenin tagħhom: il-minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ fis-settur agrikolu u tal-forestrija; l-iżgurar tal-konsistenza tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agricoltura mal-Politika Agrikola Komuni (PAK), b'mod partikolari l-oġġettivi tal-iżvilupp rurali fl-ambitu tal-PAK; u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u t-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi. Ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/2089-Linji-gwida-dwar-l-g%C4%A7ajnuna-agrikola-mill-Istat-riezami_mt

⁴⁷ Ara: https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/new-cap-2023-27_mt

⁴⁸ Ara: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

fis-swieq iżda wkoll sabiex tippermetti l-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku. Fl-2021, id-DĠ Kompetizzjoni elabora u approva Strateġija Diġitali interna komprensiva, li se tagħmel il-proċessi investigattivi u attivitajiet oħrajn tad-DĠ Kompetizzjoni aktar effiċjenti. Barra minn hekk, l-Istrateġija Diġitali se ssaħħa l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE billi tinvesti f'soluzzjonijiet diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u billi timmodernizza s-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet tad-DĠ Kompetizzjoni, b'mod partikolari billi tniedi CASE@EC għall-Għajnuna mill-Istat u l-ġestjoni tad-dokumenti. L-Istrateġija Diġitali hija ankrata b'mod sod fl-Istrateġija Diġitali ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea li tittrasforma lill-Kummissjoni f'organizzazzjoni b'mezzi diġitali, ffokata fuq l-utent u mmexxija mid-*data*.

Id-DĠ Kompetizzjoni qiegħed jiżviluppa u jtejjeb soluzzjonijiet diġitali li jappoġġaw l-interazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati esterni bħall-NCAs, il-kumpaniji attivi fis-Suq Uniku, id-ditti legali u ċ-ċittadini privati. F'dan il-kuntest, fl-2021 id-DĠ Kompetizzjoni nieda tliet soluzzjonijiet diġitali ġodda; State Aid Reporting Interactive (SARI2), eConfidentiality u eRFI. Id-DĠ Kompetizzjoni nieda wkoll proġett sabiex tittejjeb l-informazzjoni relatata mal-każijiet ippubblikata fuq is-sit web EUROPA, bil-għan li jkun hemm aċċess, tiftix u esportazzjoni aħjar tad-*data* pubblika dwar il-politika tal-kompetizzjoni (inklużi l-Għajnuna mill-Istat, il-każijiet u d-deċiżjonijiet dwar l-Antitrust u l-Fużjonijiet). Minħabba n-natura sensittiva u kunfidenzjali tal-informazzjoni li jimmaniġġja d-DĠ Kompetizzjoni, ġew abbozzati jew aġġornati pjanijiet ta' sigurtà tal-IT għal soluzzjonijiet diġitali ġodda kif ukoll dawk eżistenti. Il-miżuri meħtieġa ta' sikurezza u monitoraġġ qegħdin jiġu implimentati sabiex jittejjbu ċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ċibernetika.

Fl-2021, id-DĠ Kompetizzjoni kompla jinvesti fl-intelligence korporattiva, fis-servizzi avvanzati ta' *data* u ta' apprendiment awtomatiku u fis-soluzzjonijiet sabiex jiġu appoġġati l-investigazzjonijiet. Unità ddedikata tawtaq analiżijiet tal-intelligence u investigattivi u tipprovdli appoġġ forensiku tal-IT. Barra minn hekk, l-unità tiġbor u tanalizza informazzjoni minn sorsi pubblikament disponibbli u tiġbor informazzjoni ta' interess investigattiv potenzjali għall-identifikazzjoni ta' każijiet ġodda.

Ir-riżorsi u l-organizzazzjoni

Sabiex ilaħħaq aħjar mal-iżviluppi tal-politika li qegħdin jevolvu, f'Novembru tal-2021 id-DĠ Kompetizzjoni wettaq riorganizzazzjoni fi ħdan l-istruttura organizzazzjonali eżistenti. In-numru ta' unitajiet li jittrattaw Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) żdied minn wieħed għal tnejn. Barra minn hekk, inħolqot Task Force għall-Att dwar is-Swieq Diġitali sabiex tappoġġa l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali. Barra minn hekk, id-DĠ Kompetizzjoni ħoloq unità msaħħa sabiex timplimenta approċċ aktar koordinat għar-ramifikazzjonijiet tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Il-Programm tas-Suq Uniku

Il-Programm tas-Suq Uniku (SMP) ġie adottat f'April tal-2021⁴⁹. B'baġit ta' EUR 4,2 biljun matul il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027, l-SMP jipprovdi appoġġ finanzjarju sabiex jissaħħu l-governanza u l-funzjonament tas-Suq Uniku u jinkludi komponent tal-kompetizzjoni, jiġifieri baġit dedikat għall-politika tal-kompetizzjoni. B'baġit ta' EUR 20,4 miljun għall-2021, l-SMP appoġġa infurzar effettiv u aġġornat tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-fondi ntużaw ukoll għall-kooperazzjoni u s-sħubijiet mal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE u madwar id-dinja kif ukoll għal miżuri li jipromwovu l-kompetizzjoni.

Promozzjoni tal-kompetizzjoni

Fl-2021, il-Kummissjoni impenjat ruħha fil-promozzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni u fis-sensibilizzazzjoni f'diversi livelli sabiex tappoġġa l-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, l-aktar bil-parteciġazzjoni tal-Viċi President Eżekuttiv Vestager f'avvenimenti u f'konferenzi stampa. L-istqarrijiet għall-istampa, il-bullettini u l-media soċjali ntużaw sabiex jiġu kkomunikati l-benefiċċji tal-politika tal-kompetizzjoni. Ġew organizzati wkoll avvenimenti dedikati fil-livell internazzjonali jew flimkien mal-Istati Membri. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fl-2021 il-biċċa l-kbira tal-avvenimenti saru f'formati virtwali u/jew ibridi.

3. L-infurzar tal-Politika tal-Kompetizzjoni Kkontribwixxa għat-Tranżizzjoni Diġitali u għal Suq Uniku b'Saħħtu u Reżiljenti

Permezz tal-ambizzjoni ewlenija “Ewropa Lesta għall-Era Diġitali”, il-President Von der Leyen iddefiniet il-qasam diġitali bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha għal dan il-mandat tal-Kummissjoni. Fi swieq kompetittivi, id-ditti jeħtiġilhom jinnovaw u jsiru aktar effiċjenti sabiex jirnexxu⁵⁰. Dan japplika kemm għas-swieq diġitali xprunati mill-innovazzjoni kif ukoll għal dawk li jinbidlu malajr kif ukoll għas-swieq li għadhom ma humiex diġitali. L-infurzar effettiv tar-regoli tal-kompetizzjoni u tar-riformi regolatorji tal-UE huma ta' importanza vitali għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tal-UE, għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u għat-tiġid tar-reżiljenza tas-Suq Uniku.


3.1. L-infurzar fl-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tinforza b'mod vigoruż ir-regoli tal-kompetizzjoni sabiex tindirizza r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku.

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1–47. Ir-Regolament beda japplika b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.

⁵⁰ L-importanza tal-kompetizzjoni u tal-innovazzjoni hija enfasizzata wkoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali” - 10.3.2020 COM(2020) 103 final u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa” – 25.5.2021 COM(2021) 350 final.

Fis-swieq tal-logħob bil-vidjo tal-kompjuter, il-Kummissjoni mmultat lil *Valve*, is-sid tal-pjattaforma tal-logħob online tal-kompjuter *Steam* u ħames pubblikaturi – *Bandai Namco*, *Capcom*, *Focus Home*, *Koch Media* u *ZeniMax* – total ta' EUR 7,8 miljun għar-restrizzjoni tal-bejgħ transfruntier tal-logħob bil-vidjo tal-kompjuter abbażi tal-pożizzjoni ġeografika tal-klijenti fiż-ŻEE (“imblukkar ġeografiku”)⁵¹. Il-multi għall-pubblikaturi, li jammontaw għal aktar minn EUR 6 miljun, tnaqqsu minħabba li l-kumpaniji kkooperaw mal-Kummissjoni. *Valve* għażlet li ma tikkooperax u ġiet immultata aktar minn EUR 1,6 miljun.



F'April tal-2021, il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fil-konfront ta' *Apple* fejn b' mod provviżorju sabet li *Apple* fixklet il-kompetizzjoni fis-suq tal-istreaming tal-mużika peress li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha għad-distribuzzjoni ta' applikazzjonijiet tal-istreaming tal-mużika permezz tal-App Store tagħha⁵². Il-Kummissjoni tikkontesta l-użu obligatorju tal-mekkaniżmu ta' xiri fl-applikazzjoni ta' *Apple* stess impost fuq l-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet tal-istreaming tal-mużika sabiex ixerrdu l-applikazzjonijiet tagħhom permezz tal-App Store ta' *Apple*. Il-Kummissjoni hija mħassba wkoll li *Apple* tapplika ċerti restrizzjonijiet fuq l-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet li jwaqqfuhom milli jinformat lill-utenti tal-iPhone u tal-iPad dwar possibiltajiet ta' xiri alternattivi u orħos.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll l-investigazzjonijiet tagħha dwar Prattiki potenzjalment antikompetittivi minn *Amazon*⁵³. Il-Kummissjoni hija mħassba li *Amazon* tfixkel il-kompetizzjoni fis-swieq tal-bejgħ bl-innut online billi tiddependi b' mod sistematiku fuq *data* kummerċjali mhux pubblika ta' bejjiegħa indipendenti li jbigħu fis-suq ta' *Amazon*. Din il-prattika hija ta' benefiċċju għan-negozju bl-innut ta' *Amazon* stess, li jikkompeti direttament

⁵¹ Il-każijiet AT.40413, *Focus Home*; AT.40414, *Koch Media*; AT.40420, *ZeniMax*; AT.40422, *Bandai Namco* u AT.40424, *Capcom*. Ara https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/es/ip_21_170.

⁵² Il-Każ AT.40437, *Apple - Prattiki tal-App Store (l-istreaming tal-mużika)*. Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_21_2093

⁵³ Il-Każ AT.40462, *Amazon Marketplace* u l-Każ AT.40703 - *Amazon - Buy Box*. Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_2077.

ma' dawk il-bejjiegħa ta' partijiet terzi. F'każ separat, il-Kummissjoni tinvestiga l-possibbiltà li Amazon tagħti trattament preferenzjali lill-offerti bl-imnut tagħha stess għad-detriment tal-bejjiegħa tas-suq ta' Amazon li jużaw is-servizzi tal-loġistika u tal-konsenja ta' Amazon.

F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni formali tal-antitrust sabiex tivvaluta jekk *Facebook* kisritx ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE billi tuża *d-data* tar-reklamar miġbura minn, b'mod partikolari, dawk li jirreklamaw sabiex tikkompeti magħhom fi swieq fejn Facebook hija attiva wkoll, pereżempju, reklami kklassifikati⁵⁴. Il-Kummissjoni hija mħassba li Facebook tuża *data* minn fornituri kompetituri meta tirreklama fuq in-network soċjali ta' Facebook sabiex tagħti vantaġġ kompetittiv lis-Suq ta' Facebook. L-investigazzjoni formali tal-antitrust se tivvaluta wkoll jekk Facebook torbotx is-Suq ta' Facebook, is-servizz tar-reklamar klassifikat online tal-kumpanija, man-network soċjali tagħha stess. Il-Kummissjoni se teżamina jekk il-mod kif is-Suq ta' Facebook huwa inkorporat fin-network soċjali huwiex forma ta' bejgħ abbinat antikompetittiv li jagħti lill-kumpanija vantaġġ meta tilħaq lill-klijenti u jeskludi servizzi ta' reklamar ikklassifikati online f'kompetizzjoni.

F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni formali tal-antitrust fis-settur tar-reklamar online. Il-Kummissjoni qiegħda tinvestiga jekk Google ffavorietx it-teknoloġija tar-reklamar fuq skrin online tagħha stess fil-katina tal-provvista ad-tech għall-benefiċċju ta' YouTube u għad-detriment ta' fornituri kompetituri ta' servizzi tat-teknoloġija tar-reklamar, ta' dawk li jirreklamaw u ta' pubblikaturi online⁵⁵. Barra minn hekk, l-investigazzjoni formali se teżamina jekk Google hijiex qiegħda tfixxkel il-kompetizzjoni billi tillimita l-aċċess minn partijiet terzi għad-*data* tal-utenti għal skopijiet ta' reklamar fuq siti web u applikazzjonijiet, filwaqt li tirriżerva tali *data* għall-użu tagħha stess. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni tiffoka fuq ir-reklamar fuq skrin fejn Google toffri numru ta' servizzi lil dawk li jirreklamaw kif ukoll lill-pubblikaturi.

F'Novembru tal-2021, il-Qorti Ġenerali fil-biċċa l-kbira kkonfermat⁵⁶ id-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni fil-kawża ta' Google shopping.

⁵⁴ Il-każ AT.40684, *Ingranaġ ta' Facebook*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1.2.3

⁵⁵ Il-każ AT.40670 – *Google - Adtech u prattiki relatati mad-Data*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1.2.3

⁵⁶ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10.11.2021, il-Kawża T-612/17, *Google LLC u Alphabet, Inc. vs Il-Kummissjoni Ewropea*, EU:T:2021:763.

Il-każ Google Search (Xiri)

F'Ġunju tal-2017, il-Kummissjoni immultat lil *Google* EUR 2,42 biljun talli abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha bħala magna tat-tfittxija billi tat vantaġġ illegali lil prodott ieħor ta' *Google*, is-servizz tax-xiri⁵⁷ ta' tqabbil tagħha stess. Il-funzjoni ta' tqabbil tax-xiri ta' *Google* għall-Ewropa hija prodott li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu l-prodotti u l-prezzijiet online u jsibu offeriti mill-bejjieġha bl-imnut online, inklużi ħwienet online tal-manifatturi, pjattaformi (bħal *Amazon* u *eBay*), u rivenditori oħrajn. Fl-2008, *Google* adottat strateġija sabiex tippromwovi s-servizz tat-tqabbil tal-prezzijiet tagħha stess. Minħabba l-prattiki illegali ta' *Google*, it-traffiku għas-servizz ta' tqabbil tax-xiri ta' *Google* żdied b'mod sostanzjali, filwaqt li s-servizzi ta' tqabbil tax-xiri f'kompetizzjoni ġarrbu telf sostanzjali fit-traffiku fuq bażi dejjiema. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, *Google* emendat l-hekk imsejħa shopping box sabiex tippermetti li s-servizzi ta' tqabbil tax-xiri ta' partijiet terzi jidhru fil-kaxxa. F'Novembru tal-2021, il-Qorti Ġenerali fil-biċċa l-kbira kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni⁵⁸.

F'suq għall-prodotti farmaċewtiċi, fi Frar tal-2021 il-Kummissjoni aċċettat sett ta' impenji offruti minn *Aspen*⁵⁹, wara investigazzjoni dwar l-allegat ipprezzar eċċessiv ta' *Aspen*. *Aspen* qablet li tnaqqas il-prezzijiet tagħha b'medja ta' 73 % madwar l-Ewropa (minbarra l-Italja) għal sitt mediċini li huma essenzjali sabiex jiġu ttrattati forom serji ta' kanċer tad-demem, inklużi l-mjeloma u l-lewkimja. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet se jiffranka ammonti sostanzjali għas-sistemi tas-saħħa tal-UE u se jiżgura li dawn il-mediċini jibqgħu disponibbli fis-suq.

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni fetthet investigazzjoni formali tal-antitrust sabiex tiddetermina jekk *Teva* kinitx imblukkat jew dewmet b'mod abbużiv id-dħul ta' ditti ġodda li jikkompetu mal-mediċina blockbuster *Copaxone* ta' *Teva* għad-detriment tal-pazjenti u tas-sistemi tas-saħħa⁶⁰.

F'Marzu tal-2021, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat id-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni fil-kawża *Lundbeck* dwar il-ftehimiet ta' ħlas għad-dewmien.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Lundbeck*⁶¹

Fil-kawża ta' *Lundbeck*, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat bis-sħiħ l-approċċ tal-Kummissjoni⁶² għall-ftehimiet ta' ħlas għad-dewmien fil-kuntest ta' tilwim dwar il-privattivi. Fi ftehimiet ta' ħlas għad-dewmien, kumpanija farmaċewtika toffri trasferimenti ta' valur lill-produtturi ta' mediċini ġeneriċi sabiex iġegħilhom jabbandunaw jew idewmu d-dħul tagħhom fis-suq. Fl-2002, *Lundbeck* ikkonkludiet numru ta' ftehimiet ma' produtturi differenti ta' mediċini ġeneriċi li jikkonċernaw verżjonijiet ġeneriċi tal-mediċina bil-marka *citalopram* ta' *Lundbeck*, antidiressant "blockbuster". Dawn id-ditti qablu ma' *Lundbeck* sabiex ma jidħlux fis-suq bi skambju għal pagamenti sostanzjali ta' flus kontanti u inċentivi oħrajn. Dawn l-inċentivi ammontaw għal għaxien ta' miljuni ta' euro. *Lundbeck* tkellmet internament dwar il-formazzjoni ta' "klabb" u "kwantità kbira ta' \$\$\$" li kellhom jinqas mal-produtturi ġeneriċi.

⁵⁷ Il-każ AT.39740, *Google Search (Xiri)*. Ara: https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/39740/39740_14996_3.pdf.

⁵⁸ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10.11.2021, *il-Kawża T-612/17, Google LLC u Alphabet, Inc. vs Il-Kummissjoni Ewropea*, EU:T:2021:763.

⁵⁹ Il-Każ AT.40394, *Aspen*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.2.2021 dwar proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, C(2021) 724 final.

⁶⁰ Il-Każ AT.40588, *Teva Copaxone*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

⁶¹ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25.3.2021, C-586/16 P, *Sun Pharmaceutical Industries u Ranbaxy (UK) vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:241; C-588/16 P, *Generics (UK) vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:242; C-591/16 P, *Lundbeck vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:243; C-601/16 P, *Arrow Group u Arrow Generics vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:244; C-611/16 P, *Xellia Pharmaceuticals u Alharma vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:245; u C-614/16 P, *Merck KGaA vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2021:246.

⁶² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3803 final, tad-19.6.2013, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (il-Każ AT.39226 – *Lundbeck*).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-valutazzjoni tal-Kummissjoni li tali fehimiet ta' ħlas għad-dewmien kienu jikkostitwixxu restrizzjonijiet bl-iskop, minħabba li t-trasferimenti tal-valur ma seta' kellhom l-ebda spjegazzjoni oħra għajr l-interess tal-partijiet li ma jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni fuq il-merti. Il-Qorti kkonfermat ukoll li, fiż-żmien tal-fehimiet, Lundbeck u l-produtturi ta' mediċini ġeneriċi kienu kompetituri potenzjali, minħabba li kellhom opportunitajiet reali u konkreti sabiex jidħlu fis-suq u jikkompetu ma' Lundbeck. Barra minn hekk, ma ffaċċjaw l-ebda ostaklu għad-dħul li ma jistax jiġi solvut.

Wara t-tnedija tal-inkjesta tal-antitrust fis-settur tal-*Internet tal-Oġġetti* (IoT) tal-konsumatur fl-2020⁶³, f'Ġunju tal-2021 il-Kummissjoni ppubblikat rapport preliminari għall-konsultazzjoni⁶⁴. L-inkjesta settorjali ffokat fuq prodotti u servizzi relatati mal-assistenti diġitali bil-vuċi, apparati intelliġenti tad-dar u apparat li jista' jintlibes. Ir-rapport finali u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah ġew ippubblikati f'Jannar tal-2022⁶⁵.

Ir-Rapport finali tal-inkjesta settorjali dwar l-“Internet tal-oġġetti” tal-konsumatur

F'Jannar tal-2022, il-Kummissjoni ppubblikat is-sejbiet tal-inkjesta settorjali tagħha dwar l-Internet tal-oġġetti (“IoT”) tal-konsumaturi⁶⁶. Dan is-settur qiegħed jikber b'mod rapidu u hemm domanda dejjem akbar għall-assistenti bil-vuċi bħala interfaċċi tal-utenti għall-interazzjoni ma' apparati intelliġenti oħrajn u servizzi tal-IoT tal-konsumaturi. Ġew identifikati numru ta' kwistjonijiet potenzjali dwar il-kompetizzjoni, bħall-esklużività u l-bejgħ abbinat għall-assistenti bil-vuċi, li jillimitaw il-possibbiltà li jintużaw assistenti bil-vuċi differenti fuq l-istess apparat intelliġenti, in-nuqqas ta' interoperabbiltà u l-limitazzjoni tal-funzjonalitajiet fuq apparati intelliġenti ta' partijiet terzi u servizzi tal-IoT tal-konsumaturi. Ix-xenarju kumpless tal-istandardizzazzjoni u t-teknoloġiji proprjetarji kumplessi jistgħu jaffettwaw ħażin il-potenzjal tat-tkabbir tal-prodotti tal-IoT tal-konsumatur. Il-limitazzjoni tal-karatteristiċi lesti għall-użu disponibbli għall-utenti ppreżentat tħassib ieħor. Restrizzjonijiet potenzjali oħrajn fuq il-kompetizzjoni kienu installazzjonijiet minn qabel, konfigurazzjonijiet prestabbiliti u tqegħid prominenti ta' servizzi tal-IoT tal-konsumaturi fuq apparati intelliġenti jew fir-rigward ta' assistenti bil-vuċi. L-informazzjoni li nġabret fl-inkjesta settorjali dwar l-IoT tal-konsumaturi se tagħti gwida lill-infurzar futur u l-attività regolatorja tal-Kummissjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll għad-dibattitu leġiżlattiv dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-Att dwar is-Swieq Diġitali.

3.2. Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

Il-kontroll tal-fużjonijiet jiżgura li l-konsolidazzjoni sseħħ b'mod li tiġi ppreservata pressjoni kompetittiva suffiċjenti fis-swieq affettwati minn fużjoni. Il-kontroll tal-fużjonijiet jipprevjeni l-ħolqien ta' strutturi tas-suq fejn in-negożji u l-konsumaturi f'it li xejn għandhom għażla, jiffaċċjaw innovazzjoni aktar baxxa, kwalità anqas jew prezzijiet oġhla. Il-kontroll tal-fużjonijiet jirrikjedi valutazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-konsolidazzjoni.

Fl-2021, l-attività tal-Kummissjoni b'rabta mall-fużjonijiet baqgħet f'livell għoli ħafna. Il-Kummissjoni adottat 396 deċiżjoni ta' fużjoni f'diversi setturi (fl-2020 il-Kummissjoni adottat 352 deċiżjoni ta' fużjoni) li minnhom 309 ġew approvati wara proċedura simplifikata. Il-Kummissjoni intervjeniet f'14-il akkwiżizzjoni proposta, li minnhom 11-il tranżazzjoni

⁶³ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_1326.

⁶⁴ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_2884.

⁶⁵ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_402.

⁶⁶ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Rapport finali - Inkjesta settorjali dwar l-Internet tal-Oġġetti tal-konsumaturi, SWD (2022) 10 final, 20.1.2022.

ġew approvati soġġetti għal kundizzjonijiet. Tliet tranżazzjonijiet notifikati ġew abbandunati mill-partijiet u rtirati fil-Fażi II.

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni approvat, wara investigazzjoni fil-fond u soġġetta għal kundizzjonijiet, l-akkwiżizzjoni ta' *Eaton Hydraulics* minn *Danfoss*⁶⁷. Il-kumpanija tforni komponenti idrawliċi li jintużaw f'makkinarju li jintuża fl-industriji agrikoli, industrijali u tal-kostruzzjoni. L-impenji indirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni tal-Kummissjoni u żguraw li l-manifatturi tal-magni downstream ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn prezzijiet kompetittivi u minn għażla wiesgħa ta' komponenti innovattivi għall-prodotti tagħhom.

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni approvat, wara investigazzjoni fil-fond u soġġetta għal kundizzjonijiet, l-akkwiżizzjoni ta' *GrandVision* minn *EssilorLuxottica*⁶⁸. Il-kumpanija hija attiva fis-swieq tal-prodotti li jintlibsu mal-għajnejn (nuċċalijiet tax-xemx, lentijiet u frejms) u l-bejgħ bl-imnut ta' tali prodotti. Bl-intervent tagħha, il-Kummissjoni żgurat li l-kompetizzjoni fil-livell tal-bejgħ bl-imnut tibqa' ta' benefiċċju vibranti għall-klijenti fil-Belġju, fl-Italja u fin-Netherlands.

F'April tal-2021, *Air Canada* u *Transat* iddeċidew li jtemmu ftehim ta' fużjoni propost⁶⁹. Dan segwa investigazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni dwar l-akkwiżizzjoni proposta nnotifikata f'April tal-2020, li ffokat fuq l-operazzjonijiet li jikkoinċidu tal-partijiet fis-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru bejn iż-ŻEE u l-Kanada. Is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni kienu li t-tranżazzjoni proposta tqajjem tħassib dwar il-kompetizzjoni fuq numru kbir ta' rotot transatlantiċi u, abbażi tar-riżultati tat-test tas-suq, ir-rimedji offruti mill-partijiet dehru insuffiċjenti.

F'Diċembru tal-2021, l-International Consolidated Airlines Group (IAG) u Air Europa ddeċidew li jirtiraw il-ftehim ta' fużjoni propost tagħhom⁷⁰. L-irtirar segwa investigazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni dwar l-akkwiżizzjoni proposta ta' Air Europa minn IAG li tikkontrolla lil Iberia, British Airlines, u diversi linji tal-ajru oħrajn⁷¹. Il-Kummissjoni kienet imħassba li t-tranżazzjoni proposta tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fuq 70 pari ta' bliet ta' oriġini u destinazzjoni fi ħdan u lejn/minn Spanja, fejn iż-żewġ linji tal-ajru joffru servizzi diretti.

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni fil-fond tagħha dwar l-akkwiżizzjoni proposta ta' *Daewoo Shipbuilding & Marine Engineering* minn *Hyundai Heavy Industries Holding*. F'Jannar tal-2022, il-Kummissjoni pprojbixxiet l-fużjoni minħabba li kienet toħloq pożizzjoni dominanti mill-kumpanija amalgamata u naqqset il-kompetizzjoni fis-suq dinji għall-kostruzzjoni ta' trasportaturi kbar tal-gass likwifikat (LLNGs). Il-gass naturali likwifikat (LNG) jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija tal-UE u jtejjeb is-sigurtà tal-enerġija.

⁶⁷ Il-Każ M.9820 - *Danfoss / Eaton Hydraulics*.

⁶⁸ Il-Każ M.9569 – *EssilorLuxottica / Grandvision*.

⁶⁹ Il-Każ M.9489 - *Air Canada / Transat*.

⁷⁰ Il-Każ M.9637 – *IAG / Air Europa*, ĠU C 519, 22.12.2021, p. 2.

⁷¹ Il-Każ M.9637 - *IAG / Air Europa*.

3.3. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għar-reżiljenza tas-Suq Uniku

Infrastruttura tal-broadband li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' veloċitajiet, kapaċitajiet, u kwalità diġitali għoljin ħafna hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-konnettività tal-UE għall-2025 stabbiliti fis-soċjetà tal-Gigabits tal-UE għall-2025⁷² u fl-Istrateġija Digitali⁷³ kif ukoll fl-oġġettivi tal-konnettività tal-UE għall-2030 stabbiliti fil-Kumpass Diġitali tal-2030⁷⁴. L-għajnuna mill-Istat tikkontribwixxi għat-tnedija ta' networks tal-broadband bi prestazzjoni għolja fl-UE fl-indirizzar tal-fallimenti tas-suq, jiġifieri sitwazzjonijiet u żoni fejn ma hemm l-ebda inċentiv għall-operaturi kummerċjali sabiex jipprovdu kopertura suffiċjenti tal-broadband.

Fl-2021, minbarra l-proġetti li jappoġġaw l-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' servizzi fissi tal-broadband, il-Kummissjoni approvat diversi proġetti li jikkonċernaw l-introduzzjoni ta' servizzi mobbli tal-broadband, inkluż, f'Mejju tal-2021, skema ta' għajnuna Ġermaniża ta' EUR 2,1 miljun⁷⁵ u, f'Diċembru tal-2021, skema Spanjola sabiex tappoġġa l-użu ta' infrastruttura passiva għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli f'oqsma mingħajr kopertura mobbli 4G⁷⁶.

F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna riċevuta mill-operaturi terrestri għall-estensjoni tan-network tat-televiżjoni terrestri għal żoni remoti ta' Spanja kisret ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Wara l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2013 (li tikkonċerna r-reġjuni kollha minbarra Castilla-La Mancha), il-Kummissjoni kkonfermat li, bejn l-2005 u l-2008, l-operaturi tal-pjattaformi terrestri rċevew vantaġġ selettiv inkompatibbli fuq il-kompetituri tagħhom. F'Settembru tal-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar Castilla-La Mancha⁷⁷. Minħabba li Spanja kienet irkuprat l-għajnuna parzjalment biss, il-Kummissjoni bdiet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. F'April tal-2021, il-Qorti ddeċidiet li Spanja naqset milli tirkupra l-għajnuna (C-704/19)⁷⁸. L-irkupru ta' din l-għajnuna għadu għaddej.

4. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika

Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tinsab f'pożizzjoni tajba sabiex tikkontribwixxi għall-oġġettivi ambjentali u għall-miri klimatiċi tal-UE, li jinkludu d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-bidla fis-settur tat-trasport minn fjuwils fossili niġġiesa għal fjuwils alternattivi f'konformità mal-politika tal-Kummissjoni dwar il-mobbiltà. L-infurzar tad-dritt tal-

⁷² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv – Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits, COM (2016) 0587, 14.9.2016.

⁷³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa, 19.2.2020. Ara:

https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf.

⁷⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-aproċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali, COM (2021) 118 final, 9.3.2021.

⁷⁵ Il-Każ SA.59574, *Il-Ġermanja - L-użu ta' infrastruttura mobbli ta' prestazzjoni għolja fil-Ġermanja - DE*, ĠU C 410, 8.11.2021, p. 1.

⁷⁶ Il-Każ SA.64394 RRF - Spanja - Skema ta' għajnuna nazzjonali għall-infrastruttura passiva għan-networks mobbli.

⁷⁷ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20.9.2018, C-114/17, *Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea*, EU:C:2018:309.

⁷⁸ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29.4.2021, C-704/19, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja*, EU:C:2021:342.

kompetizzjoni jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew⁷⁹ billi jżomm is-swieq effiċjenti, ġusti u innovattivi. F'dan il-kuntest, l-infurzar effettiv fl-ambitu tal-istrument ta' għajjnuna mill-Istat huwa kruċjali sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku.

Fi Frar tal-2021, id-DĠ Kompetizzjoni organizza konferenza mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiddiskuti kif il-politika tal-antitrust, il-politika tal-fużjonijiet u l-politika dwar l-għajjnuna mill-Istat jistgħu jaħdmu bl-aħjar mod flimkien mal-politiki ambjentali u klimatiċi. Bħala segwitu, f'Settembru tal-2021, id-DĠ Kompetizzjoni ppubblika Nota ta' Politika tal-Kompetizzjoni dwar kif il-politika tal-kompetizzjoni tista' tappoġġa l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u kif se tagħmel dan⁸⁰.

4.1. Il-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-Tranżizzjoni ekoloġika

Fl-2021, il-Kummissjoni approvat numru ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat maħsuba sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni approvat 18-il miżura li jappoġġaw l-enerġija rinnovabbli u 7 li jappoġġaw il-mobbiltà nadifa.

F'Jannar tal-2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tawtorizza t-tieni Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-batteriji⁸¹. Il-proġett, imsejjaħ Innovazzjoni Ewropea fil-Batteriji, se jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tal-batteriji. It-tax-il Stat Membru se jipprovdu sa EUR 2,9 biljun f'finanzjament fis-snin li ġejjin. Il-ffinanzjament pubbliku huwa mistenni li jkseb EUR 9 biljun addizzjonali f'investimenti privati. Il-proġett jikkomplementa l-ewwel IPCEI fil-katina tal-valur tal-batteriji li ġie approvat f'Diċembru tal-2019⁸². Il-proġett huwa konsistenti mal-politiki tal-Kummissjoni sabiex issir qabża mill-użu ta' fjuwils fossili għal teknoloġiji ta' fjuwils alternattivi u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija tal-UE fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Diġitali⁸³ kif ukoll sabiex tiżied ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE.

Fi Frar tal-2021, il-Kummissjoni approvat pjanijiet Rumani sabiex jappoġġaw l-aġġornament tas-sistema tat-tiżhin distrettwali f'Bucharest⁸⁴. Il-miżura ta' għajjnuna ta' EUR 254 miljun iffinanzjata mill-fondi strutturali tal-UE se tgħin lir-Rumanija tilħaq il-miri tagħha għall-effiċjenza enerġetika u se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa oħrajn mingħajr ma tfixkel il-kompetizzjoni bla bżonn.

⁷⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

⁸⁰ https://ec.europa.eu/competition-policy/index/news/competition-policy-brief-12021-policy-support-europes-green-ambition-2021-09-10_en.

⁸¹ Għajjnuna mill-Istat: Il-Kummissjoni tapprova appoġġ pubbliku ta' EUR 2,9 biljun minn tax-il Stat Membru għat-tieni proġett ta' riċerka u innovazzjoni pan-Ewropew tul il-katina tal-valur kollha tal-batteriji, l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-26.1.2021. Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_226. Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni se ssir disponibbli taħt il-każijiet numri SA.55855 (l-Awstrija), SA.55840 (il-Belġju), SA.55844 (il-Kroazja), SA.55846 (il-Finlandja), SA.55858 (Franza), SA.55831 (il-Ġermanja), SA.56665 (il-Greċja), SA.55813 (l-Italja), SA.55859 (il-Polonja), SA.55819 (is-Slovakkja), SA.55896 (Spanja), u SA.55854 (l-Iżvezja) fir-Reġistru għall-għajjnuna mill-Istat fuq is-sit web tal-kompetizzjoni. Ara: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/.

⁸² Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_19_6705.

⁸³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa, 19.2.2020. Ara:

https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf.

⁸⁴ Il-Każ SA.57425, *Ir-Rumanija – Miżura ta' appoġġ għall-aġġornament tan-network tat-tiżhin Distrettwali tal-Municipalitá ta' Bucharest*, ĠU C 177, is-7 ta' Mejju 2021, p. 1.

F'April tal-2021, il-Kummissjoni approvat l-estensjoni u l-modifika ta' skema Ġermaniża sabiex tappoġġa l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u mill-gass mill-minjieri, kif ukoll it-tnaqqis tal-imposti sabiex jiġi ffinanzjat l-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli. It-tnaqqis tal-imposti se jkun disponibbli għal kumpaniji intensivi fl-enerġija u għall-provvista tal-elettriku mix-xatt lill-bastimenti waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet.

F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni approvat skema ta' għajnuna Daniża sabiex tappoġġa l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli. Il-miżura se tgħin lid-Danimarka tilħaq il-miri tagħha għall-enerġija rinnovabbli mingħajr ma tfixkel bla bżonn il-kompetizzjoni u se tikkontribwixxi għall-oġġettiv Ewropew li sal-2050 tinkiseb in-newtralità klimatika⁸⁵.

F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni approvat l-estensjoni u l-modifika ta' skema Ġermaniża eżistenti sabiex tappoġġa l-produzzjoni tal-elettriku minn impjanti ta' koġenerazzjoni effiċjenti ħafna ġodda, modernizzati u modifikati. L-iskema approvata se tippromwovi l-effiċjenza enerġetika u tikkontribwixxi għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂⁸⁶.

F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni approvat skema Franċiża ta' EUR 30,5 biljun sabiex tappoġġa lill-operaturi ta' installazzjonijiet solari fuq l-art, eoliċi fuq l-art u idroelettriċi. Il-miżura se tgħin lil Franza tilħaq il-miri tagħha għall-enerġija rinnovabbli mingħajr ma tfixkel bla bżonn il-kompetizzjoni u se tikkontribwixxi għall-oġġettiv Ewropew li sal-2050 tinkiseb in-newtralità klimatika⁸⁷.

Barra minn hekk, f'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni approvat skema Ġermaniża ta' EUR 900 miljun sabiex tappoġġa investimenti fil-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli f'pajjiżi mhux tal-UE, li mbagħad jiġu importati u mibjugħa fl-UE⁸⁸. L-iskema, imsejħa H2Global, għandha l-għan li tissodisfa d-domanda tal-UE għall-idroġenu rinnovabbli li hija mistennija li tiżdied fis-sinjura li ġejjin billi tappoġġa l-iżvilupp tal-potenzjal mhux sfruttat tar-riżorsi rinnovabbli barra mill-UE. Barra minn hekk, H2Global se tappoġġa proġetti li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'konformità mal-oġġettivi ambjentali u klimatiċi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.2 L-infurzar tal-antitrust u l-kontroll tal-fużjonijiet jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika

F'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni sabet li l-manifatturi tal-karozzi *Daimler*, *BMW* u *Volkswagen group* (*Volkswagen*, *Audi* u *Porsche*) kisru r-regoli tal-antitrust tal-UE billi kkolludew dwar l-iżvilupp tekniku fil-qasam tat-tindif tal-ossidu tan-nitroġenu għall-karozzi dizil⁸⁹. Il-Kummissjoni imponiet multi ta' EUR 875,2 miljun wara li l-partijiet kollha qablu li jsolvu l-każ skont il-proċedura ta' riżolviment dwar il-kartelli. Daimler ma ġietx immultata

⁸⁵ Il-Każ SA.56831, *Id-Danimarka – Offerti RES b'diversi teknoloġiji 2021-2024*, ĠU C 214, 4.6.2021, p. 1.

⁸⁶ Il-Każ SA.56826, *Il-Ġermanja – Riġforma tal-2020 ta' appoġġ għall-koġenerazzjoni*, ĠU C 306, 30.7.2021, p. 1.

⁸⁷ Il-Każ SA.50272, *Franza – Appels d'offres pour les renouvelables 2021-2026*, ĠU C 450, 5.11.2021, p. 1.

⁸⁸ Il-Każ SA.62619, *Il-Ġermanja – H2Global*. Il-verżjoni pubblika ta' din id-deċiżjoni għadha ma hiji disponibbli. Ara: https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

⁸⁹ Il-Każ AT.40178, *Emissjonijiet tal-Karozzi*, Ara: https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases1/202146/AT_40178_8022289_3048_5.pdf.

peress li żvelat l-eżistenza tal-kartell lill-Kummissjoni. Il-manifatturi tal-karozzi kienu kkolludew sabiex iżommu lura l-potenzjal sħiħ ta' teknoloġija żviluppata b'mod konġunt ħalli jillimitaw l-emissjonijiet dannużi tal-karozzi diżil billi jgħarrfu lil xulxin li ma kinux se jikkompetu fuq l-issodisfar eċċessiv tal-istandards tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-karozzi.

F'April tal-2021, il-Kummissjoni mmultat lill-kumpaniji ferrovjarji *Österreichische Bundesbahnen* (ÖBB), *Deutsche Bahn* (DB) u *Société Nationale des Chemins de fer belges / Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen* (SNCB) total ta' EUR 48 miljun għall-parteċipazzjoni tagħhom f'kartell tal-allokkazzjoni tal-klijenti⁹⁰. Il-ksur kien jikkonċerna servizzi transfruntiera tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fl-UE pprovduti minn ÖBB, DB u SNCB skont il-mudell tal-kondiviżjoni tal-merkanzija u li twettqu fl-hekk imsejħa treni blokko⁹¹. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li t-tliet kumpaniji ferrovjarji kkoordinaw l-imġiba tagħhom billi skambjaw informazzjoni kollużiva dwar it-talbiet tal-klijenti għal offerti kompetittivi u taw lil xulxin kwotazzjonijiet ta' kopertura sabiex jiproteġu n-negozju rispettiv tagħhom.

F'Settembru tal-2021, il-Kummissjoni għamlet miżuri legalment vinkolanti proposti mill-Greċja sabiex tippermetti lill-kompetituri ta' *Public Power Corporation* (PPC) jixtru aktar elettriku fuq medda itwal ta' żmien⁹². Il-Greċja ssottomettiet dawn il-miżuri sabiex tneħħi d-distorsjoni maħluqa mill-aċċess esklużiv tal-PPC għall-ġenerazzjoni mħaddma bil-linjite, li l-Kummissjoni u l-qrati tal-UE kienu sabu li joħolqu inugwaljanza ta' opportunità fis-swieq tal-elettriku Griegi. Ir-rimedji proposti se jiskadu meta l-impjanti eżistenti tal-linjite jieqfu joperaw kummerċjalment jew, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024⁹³.

F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni mmultat lil *Abengoa S.A.* u lis-sussidjarja tagħha *Abengoa Bionenergía S.A.*⁹⁴, EUR 20 miljun għall-parteċipazzjoni f'kartell li jikkonċerna l-mekkaniżmu għall-formazzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa fis-suq Ewropew tal-etanol. Il-bijofjuwils jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' trasport aktar nadif u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għalhekk għandhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni ekoloġika.

Fil-qasam tal-kontroll tal-fużjonijiet, f'Diċembru tal-2021 il-Kummissjoni approvat b'kundizzjonijiet l-akkwiżizzjoni ta' *Suez* minn *Veolia*⁹⁵. Veolia u Suez huma attivi fis-setturi tat-trattament tal-ilma u tal-immaniġġjar tal-iskart. Iż-żewġ kumpaniji joffru firxa wiesgħa ta' servizzi lil klijenti municiġjali u industrijali. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li t-tranżazzjoni twassal għal trikkib orizzontali sinifikanti f'diversi swieq fi Franza u fiż-ŻEE.

⁹⁰ Il-Każ AT.40330, *Merkanzija bil-ferrovija*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

⁹¹ Skont il-mudell tal-kondiviżjoni tal-merkanzija, li huwa mudell ta' kuntratt previst fid-dritt ferrovjarju internazzjonali, il-kumpaniji ferrovjarji li jwettqu servizzi ferrovjarji transfruntiera jipprovdut lill-klijenti prezz ġenerali uniku għas-servizz meħtieġ skont kuntratt multilaterali uniku.

⁹² Il-każ AT.38700, *Is-swieq Griegi tal-linjite u tal-elettriku*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

⁹³ L-istess impenji saru mill-Greċja lill-Grupp tal-Euro fl-2018 bħala kundizzjoni għar-rilaxx ta' għajnuna finanzjarja addizzjonali fl-ambitu tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għall-assistenza finanzjarja lill-Greċja.

⁹⁴ Il-każ AT.40054, *Il-parametri referenzjarji tal-Etanol*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_40054

⁹⁵ Il-każ M.9969, *Veolia / Suez*. Ara: https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

Dan it-trikkib joħloq ir-riskju li tiġi eliminata l-pressjoni kompetittiva eżerċitata minn Suez fuq Veolia. Għalhekk, il-klijenti ffaċċjaw għażla mnaqqa ta' soluzzjonijiet tas-servizz, spiss limitati għall-entità fuża, mingħajr ma kellhom l-ebda setgħa ta' negozjar reali.

5. Il-Politika tal-Kompetizzjoni kkontribwiet għal Ekonomija għas-Servizz għan-nies

L-ekonomija soċjali tas-suq hija wieħed mill-pedamenti li fuqhom hija mibnija l-UE u l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE ssostniha. Fl-2021, id-DĠ Kompetizzjoni appoġġa din l-ambizzjoni ewlenija billi saħħaħ ir-regoli tal-kompetizzjoni u pproteġa l-kompetizzjoni fuq termini ġusti u ugwali. Id-dimensjoni diġitali tqieset pereżempju fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, tal-Unjoni Bankarja, u fl-iżgurar ta' tassazzjoni effettiva⁹⁶.

5.1. Servizzi finanzjarji Ewropej reżiljenti

L-infurzar tal-antitrust fis-servizzi finanzjarji

Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għandha rwol importanti sabiex tiżgura li l-kompetizzjoni sseħħ fuq termini ġusti u ugwali fis-settur tas-servizzi finanzjarji kollu. Fl-2021, il-Kummissjoni ffokat ħafna fuq l-infurzar tal-kartelli fis-settur tas-servizzi finanzjarji, u imponiet multi li jammontaw għal EUR 740 miljun fuq 16-il istituzzjoni finanzjarja differenti.

F'April tal-2021⁹⁷, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni kontra *Bank of America Merrill Lynch, Crédit Agricole, Credit Suisse* u *Deutsche Bank* talli ħadu sehem f'kartell relatat ma' bonds Suprasovrani, Sovrani u tal-Aġenzija denominati f'dollari Amerikani (bonds SSA USD). L-erba' banek ta' investiment ikkooperaw permezz ta' grupp ewlieni ta' negozjanti li skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva. Il-parteċipanti fil-kartell, kienu jikkomunikaw permezz ta' chatrooms multilaterali jew bilaterali li jużaw it-terminali ta' Bloomberg.

F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni ssanzjonat kartell ieħor ta' skambju ta' bonds, u imponiet multi li jammontaw għal EUR 371 miljun. Il-Kummissjoni kkonkludiet li *Bank of America, Natixis, Nomura, RBS* (issa *NatWest*), *UBS, UniCredit* u *WestLB* (issa *Portigon*) kisru r-regoli tal-antitrust tal-UE. Grupp ta' negozjanti impjegati minn dawn il-kumpaniji ħadu sehem f'kartell fis-swieq primarji u sekondarji għall-Bonds tal-Gvern Ewropej (EGB)⁹⁸.

F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni ssanzjonat it-tielet kartell fis-suq tal-kummerċ spot tal-Muniti Barranin.⁹⁹ Il-Kummissjoni mmultat lil Barclays, RBS HSBC u Credit Suisse ammont totali ta' EUR 344 miljun (flimkien mal-EUR 1,7 biljun li kienu diġà ġew imposti fuq dawn id-ditti fiż-żewġ każijiet preċedenti ta' Forex).

F'Ġunju tal-2021, il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fil-konfront ta' *Insurance Ireland*, assoċjazzjoni ta' assiguraturi Irlandiżi. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma

⁹⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u biex it-tassazzjoni ssir sempliċi u faċli (it-Tieni Trimestru tal-2020) inkluż fil-Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020 COM(2020) 440 final, l-Annessi 1 u 2, 27.5.2020.

⁹⁷ Il-Każ AT.40346, *Bonds Sovrani u tal-Aġenzija*, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_21_2004

⁹⁸ Il-każ AT.40324, *Bonds tal-Gvern Ewropej*. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases1/202142/AT_40324_7971056_3662_3.pdf

⁹⁹ Il-Każ AT.40135, *FOREX* https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_AT_40135

preliminari li Insurance Ireland kisret ir-regoli tal-antitrust tal-UE billi rrestrinġiet il-kompetizzjoni fis-suq Irlandiż tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur¹⁰⁰.

Infurzar tal-għajnuna mill-Istat fis-servizzi finanzjarji

Il-Kummissjoni awtorizzat l-estensjoni ta' diversi skemi eżistenti ta' għajnuna mill-Istat li jippermettu lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu r-reżiljenza tas-settur finanzjarju, mingħajr ma jkollhom jagħtu għajnuna ġdida mill-Istat lil istituzzjonijiet finanzjarji individwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni awtorizzat l-estensjoni tal-iskemi għar-ristrutturar jew għall-ħruġ ordnat mis-suq ta' banek f'diffikultà li jinsabu fil-Polonja¹⁰¹, fl-Irlanda¹⁰² u fid-Danimarka¹⁰³. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indirizzat nuqqasijiet potenzjali ta' likwidità tal-banek fil-Greċja¹⁰⁴. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni awtorizzat l-estensjoni ta' skemi ta' garanzija konsistenti mas-suq għat-titolizzazzjoni ta' self improduttiv fil-Greċja (Hercules¹⁰⁵) u fl-Italja (GACS¹⁰⁶). Dawn l-iskemi ta' garanzija jgħinu lill-banek ineħħu l-karti tal-bilanċ tagħhom mingħajr ma jagħtu għajnuna mill-Istat jew ifixklu l-kompetizzjoni.

Għal Ċipru¹⁰⁷ u l-Greċja¹⁰⁸, il-Kummissjoni awtorizzat għajnuna indiretta mill-Istat lil diversi istituzzjonijiet finanzjarji. L-iskemi ta' għajnuna mill-Istat huma primarjament immirati sabiex jipprovdu appoġġ soċjali lil unitajiet domestiċi vulnerabbli f'riskju li jitilfu djarhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni awtorizzat l-appoġġ tal-Istati Membri ta' SMEs u negozji ġodda li ġew stabbiliti reċentement li spiss jinżammu lura b'aċċess limitat għall-finanzjament. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni approvat modifika tal-iskema ta' finanzjament tar-riskju eżistenti fi Franza¹⁰⁹.

5.2. Għajnuna fiskali mill-Istat u vantaġġi selettivi tat-taxxa

Fl-2021, il-Kummissjoni approvat diversi skemi ta' għajnuna mill-Istat li jiddifferixxu l-ħlas tat-taxxi sabiex jittaffa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. F'Jannar tal-2021, il-Kummissjoni approvat, fl-ambitu tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, skema ta' għajnuna Litwana ta' EUR 156 miljun għall-kumpaniji affettwati b'mod negattiv mill-pandemija tal-COVID-19¹¹⁰. L-appoġġ pubbliku jinkludi differimenti tat-taxxa u miżuri ta' likwidità relatati mat-taxxa (pereżempju l-ħlas f'pagamenti parzjali ta' arretrati tat-

¹⁰⁰ Il-Każ AT.40511, *Insurance Ireland: Il-Bażi tad-data ta' klejms tal-assigurazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-aċċess*. Ara: https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

¹⁰¹ Il-Każ SA.63002, *Il-Polonja – Il-11-il estensjoni tal-Iskema ta' Likwidazzjoni Ordната tal-Unions ta' Kreditu*, ĠU C 285, 16.7.2021, p. 1; Il-Każ SA.64522, *Il-Polonja – Is-sitt estensjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għall-banek kooperattivi u l-banek kummerċjali żgħar*, ĠU C 487, 3.12.2021, p. 1.

¹⁰² Il-Każ SA.62303, *L-Irlanda – It-13-il estensjoni tal-iskema ta' ristrutturar u stabbilizzazzjoni tal-Unjoni ta' Kreditu*, ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1; Il-Każ SA.100030, *L-Irlanda – L-14-il Estensjoni tal-Iskema ta' Ristrutturar u Stabbilizzazzjoni għas-Settur tal-Unjoni ta' Kreditu*, ĠU C 487, 3.12.2021, p. 1; u l-Każ SA.62649, *L-Irlanda – Is-17-il Estensjoni tal-Iskema ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni ta' Kreditu 2020-2021*, ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1.

¹⁰³ Il-Każ SA.58478, *Id-Danimarka – It-tielet estensjoni tal-iskema ta' likwidazzjoni għal banek żgħar*, ĠU C 60, 19.2.2021, p. 1.

¹⁰⁴ Il-Każ SA.59030, *Il-Greċja – L-estensjoni tal-iskema għall-Garanzija tal-Likwidità*, ĠU C 144, 23.4.2021, p. 1.

¹⁰⁵ Il-Każ SA.62242, *Il-Greċja – L-estensjoni tal-iskema Hercules*, ĠU C 214, 4.6.2021, p. 1.

¹⁰⁶ Il-Każ SA.62880, *L-Italja – Ir-raba' estensjoni tal-iskema ta' garanzija Taljana għat-titolizzazzjoni ta' self improduttiv*, ĠU C 295, 23.7.2021, p. 1.

¹⁰⁷ Il-Każ SA.63005, *Ċipru – Skema għall-ġestjoni ta' self mogħti lil Ċipru fl-ambitu tal-Pjanijiet għall-Akkomodazzjoni tal-Gvern (l-Iskema OIKIA)*, ĠU C 366, 10.9.2021, p. 1.

¹⁰⁸ Il-Każ SA.100197, *Il-Greċja - L-estensjoni ta' SA.58555 "Skema ta' protezzjoni temporanja għar-residenza primarja"*. Il-verżjoni uffiċjali tad-deċiżjoni għadha ma hijiex ippubblikata. Il-verżjoni uffiċjali tad-deċiżjoni għadha ma hijiex ippubblikata. Ara: https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=1,2,3

¹⁰⁹ Il-Każ SA.59985, *Franza - Modification de la décision Aide d'État SA.55869 (2019/N) : Dispositif IR-PME pour les investissements dans les FCPI et FIP*, ĠU C 195, 21.5.2021, p. 1.

¹¹⁰ Il-Każ SA.60632, *Il-Litwanja - COVID-19 - Differimenti ta' pagamenti tat-taxxa*, ĠU C 41, 5.2.2021, p. 1.

taxxa, perjodi ta' dejn mingħajr imgħax kif ukoll sospensjonijiet ta' rkupru tad-dejn tat-taxxa).

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lir-Renju Unit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talli naqas milli jirkupra kompletament l-għajjnuna illegali mill-Istat sa EUR 100 miljun. L-għajjnuna illegali mill-Istat kienet ingħatat bħala eżenzjoni mit-taxxa għall-imgħax passiv u r-royalties f'Ġibiltà bejn l-2011 u l-2013¹¹¹. Fl-2018, il-Kummissjoni kienet iddikjarat dan ir-reġim ta' eżenzjoni mit-taxxa korporattiva illegali u inkompatibbli mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u aktar minn sentejn wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet ta' Ġibiltà kienu rkupraw anqas minn 20 % tal-għajjnuna illegali totali¹¹². Minħabba li l-ammonti ta' għajjnuna pendenti u l-imgħax ta' rkupru dovut tħallsu lura bis-sħiħ fil-kontijiet miżmuma minn terzi bejn Mejju tal-2021 u Lulju tal-2021, il-Kummissjoni ħassret id-deċiżjoni preċedenti tagħha li tibda l-proċedimenti tal-Artikolu 108(2) tat-TFUE kontra r-Renju Unit.

5.3. Il-politika tal-kompetizzjoni kompliet ittaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali mill-pandemija tal-COVID-19

Il-Kummissjoni użat il-flessibbiltà sħiħa tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għal ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex tadatta l-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat. Il-bidla pprovdiet lill-Istati Membri sett ta' għodod imfassal apposta b'appoġġ għall-ekonomija matul il-pandemija tal-COVID-19. Minn mindu ġiet adottata għall-ewwel darba f'Marzu tal-2020, il-Kummissjoni adattat ir-regoli għall-ħtiġijiet li qegħdin jiżviluppaw tal-Istati Membri u tan-negozji. F'Jannar u f'Novembru tal-2021 ġew adottati żewġ emendi addizzjonali¹¹³. Is-sitt emenda tistabbilixxi l-perkors lejn eliminazzjoni gradwali pass wara pass tal-miżuri ta' kriżi filwaqt li jiġu evitati effetti ta' preċipizju u jiġi limitat ir-riskju għal diverġenza ekonomika akbar bejn l-Istati Membri.

Id-Deċiżjonijiet dwar l-għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE u l-Qafas Temporanju

Il-Kummissjoni kompliet tivvaluta l-miżuri ta' għajjnuna skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u l-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat. Il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat, li inizjalment kien stabbilit b'data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru 2020, jipprevedi numru ta' miżuri ta' għajjnuna li l-Kummissjoni tqis kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) u l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, bħall-ammont limitat ta' għajjnuna, il-vantaġġi selettivi tat-taxxa u l-garanziji mill-Istat għas-self. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni kienet ħadet aktar minn 1 180 deċiżjoni fl-Istati

¹¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà, C/2018/7848, ĠU L 119, 7.5.2019, p. 151–20.

¹¹² Dan il-każ huwa relatat ma' fatti li sehew qabel il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

¹¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1), kif emendat bil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni C(2020) 2215 (ĠU C 112I, 4.4.2020, p. 1), C(2020) 3156 (ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3), C(2020) 4509 (ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3), C(2020) 7127 (ĠU C 340I, 13.10.2020, p. 1), C(2021) 564 (ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6) u C(2021) 8442 (ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1).

Membri kollha, inklużi dawk fl-ambitu tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat.

Fl-2021, pereżempju, il-Kummissjoni approvat fl-ambitu tal-Qafas Temporanju skema Griega ta' EUR 800 miljun sabiex tappoġġa kumpaniji attivi fit-turiżmu affettwati mill-pandemija tal-COVID-19¹¹⁴. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura kienet meħtieġa, xierqa u proporzjonata sabiex jiġi rrimedjat tfixkil serju fl-ekonomija Griega. Fir-rigward tal-Italja, f'Ottubru tal-2021, il-Kummissjoni approvat, fl-ambitu tal-Qafas Temporanju, skema Taljana ta' EUR 31,9 biljun sabiex tappoġġa lill-kumpaniji affettwati mill-pandemija tal-COVID-19¹¹⁵.

Għadd minn dawn il-miżuri ġew kofinanzjati mill-politika ta' koeżjoni, wara ż-żewġ pakketti ta' miżuri mnedija mill-Kummissjoni: l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII), l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+) u l-pakkett REACT-EU.

F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni approvat skema ta' garanzija tal-Istat Franċiża sa EUR 20 biljun maħsuba sabiex tappoġġa l-ekonomija fil-kuntast tal-pandemija tal-COVID-19¹¹⁶. L-iskema ttiprovdi finanzjament fit-tul lill-kumpaniji u tiffaċilita investimenti ġodda li jappoġġaw l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19.

Id-Deċiżjonijiet u l-inizjattivi ta' politika dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-COVID-19

F'Awwissu tal-2021, il-Kummissjoni approvat sett ta' garanziji fuq segmenti ta' titolizzazzjoni sintetika fl-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Garanzija ġestit mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment¹¹⁷. L-inizjattiva tappoġġa lill-kumpaniji affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 fi 22 Stat Membru partecipanti¹¹⁸.

Deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE

L-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE jippermetti lill-Kummissjoni tapprova miżuri ta' għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri sabiex jikkumpensaw lill-impriżi għal dannu kkawżat direttament minn okkorrenzi eċċezzjonali bħall-pandemija tal-COVID-19 (pereżempju fit-trasport, fit-turiżmu, fil-kultura, fl-ospitalità u fil-bejgħ bl-imnut). L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw lill-Kummissjoni miżuri ta' kumpens għad-danni skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE diment li l-għajnuna tkun proporzjonata u jkun hemm rabta kawżali diretta bejn l-okkorrenza eċċezzjonali (il-pandemija tal-COVID-19) u d-dannu mġarrab mill-benefiċjarji¹¹⁹.

Pereżempju, f'Jannar tal-2021, il-Kummissjoni awtorizzat skema umbrella Ġermaniża ta' EUR 12-il biljun sabiex tikkumpensa lill-kumpaniji għad-danni mġarrba minħabba miżuri

¹¹⁴ Il-Każ SA.63123, *Il-Greċja - COVID-19: Appoġġ lis-settur tat-turiżmu*, ĠU C 223, 11.6. 2021, p. 1.

¹¹⁵ Il-Każ SA.62668, *L-Italja - COVID-19 - IT - Miżuri fiskali awtomatiċi u għotjiet mhux ripagabbli*. Id-deċiżjoni ġiet adottata skont l-Artikoli 106(2), 107(2)(a), 107(2)(b) u 107(2)(c) tat-TFUE. Ara:

https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=3

¹¹⁶ Il-Każ SA.58639, *Franza - COVID-19: Dispositif de garantie aux fonds de prêts participatifs et d'obligations subordonnées*, ĠU C 84, 12.3.2021, p. 1.

¹¹⁷ Li jikkonsisti mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-"BEI" u mill-Fond Ewropew tal-Investiment, il-"FEI".

¹¹⁸ Ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-16.8.2021, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_4204.

¹¹⁹ Pereżempju, dannu kkawżat minn miżuri ta' kwarantina li jipprekludu lill-benefiċjarju milli jopera l-attività ekonomika tiegħu. Tipi oħrajn ta' għajnuna, li jindirizzaw b'mod aktar ġenerali t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku mill-pandemija tal-coronavirus, għandhom jiġu evalwati skont il-prinċipji ta' kompatibilità stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE u l-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat.

restrittivi introdotti sabiex irażżnu l-pandemija tal-COVID-19¹²⁰. Skont din l-iskema, il-kumpaniji mis-setturi kollha se jkunu intitolati għal kumpens għad-danni mġarrba matul il-perjodi ta' lockdown bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet imposti mill-gvern Ġermaniż f'Marzu/April u f'Novembru/Diċembru tal-2020.

F'April tal-2021, il-Kummissjoni awtorizzat, skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, skema Daniża ta' EUR 1,74 biljun sabiex tikkompensa lill-bdiewa tal-mink u lin-negozji relatati mal-biedja tal-mink għall-miżuri meħuda fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19¹²¹. F'Mejju tal-2021, il-Kummissjoni awtorizzat skema Ġermaniża ta' EUR 10 biljun sabiex tikkompensa lill-kumpaniji fis-setturi kollha għad-danni kkawżati mill-miżuri ta' emerġenza meħuda sabiex jillimitaw it-tixrid tal-COVID-19¹²². Barra minn hekk, f'Lulju tal-2021, il-Kummissjoni approvat skema Taljana ta' EUR 800 miljun sabiex tikkompensa lill-ajruporti u lill-operaturi tas-servizzi fuq l-art għad-dannu kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti sabiex jillimitaw it-tixrid tal-virus¹²³.

Għajjnuna mill-Istat lis-settur tal-avjazzjoni

Matul l-2021, is-settur tal-avjazzjoni kompli jkun wieħed mill-aktar milquta b'mod sever mill-pandemija tal-COVID-19. Matul din is-sena, il-Kummissjoni adottat 35 deċiżjoni li jippermettu l-għajjnuna mill-Istat lil impriżi attivi fis-settur tal-avjazzjoni sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità u ta' kapital tagħhom li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Dawn il-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat ġew approvati l-aktar ta' spiss fl-ambitu tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat jew l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

Il-Kummissjoni approvat għajjnuna mill-Istat lil-linji tal-ajru Air France¹²⁴, TUI¹²⁵, Scandinavian Airlines Systems¹²⁶, Finnair¹²⁷ u oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat diversi miżuri ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar għal-linji tal-ajru bħal TAP¹²⁸ u Condor¹²⁹ u awtorizzat għajjnuna mill-Istat sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' dawk il-linji tal-ajru u ta' linji tal-ajru oħrajn.

F'Settembru tal-2021, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet dwar il-linja tal-ajru Taljana, Alitalia. Wara investigazzjonijiet fil-fond f'żewġ atti ta' self mill-Istat li b'kollox jammontaw għal EUR 900 miljun mogħtija fl-2017, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-atti ta' self kienu jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli¹³⁰. F'deċiżjoni separata¹³¹, il-

¹²⁰ Il-Każ SA.60045, *Il-Ġermanja - November Assistance Extra skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE-Covid*, ĠU C 41, 5.2.2021, p. 1.

¹²¹ Il-Każ SA.61945, *Id-Danimarka - Skema ta' għajjnuna għall-bdiewa tal-mink u negozji relatati affettwati mit-tifqigħa tal-COVID-19*, ĠU C 195, 21.5.2021, p. 1.

¹²² Il-Każ SA.62784, *Il-Ġermanja - COVID-19 - L-Artikolu 107 2b Skema Umbrella Federali*, ĠU C 223, 11.6.2021, p.1.

¹²³ Il-Każ SA.63074, *L-Italja - Skema ta' kumpens għad-dannu għall-manijers tal-infrastruttura u l-operaturi tas-servizzi fuq l-art tal-ajruporti fl-Italja*, ĠU C 327, 13.8.2021, p. 1.

¹²⁴ Il-Każ SA.59913, *Franza - COVID-19 - Rikapitalizzazzjoni ta' Air France u tal-Impriża Air France - KLM Holding*, ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1.

¹²⁵ Il-Każ SA.59812, *Il-Ġermanja - COVID-19 - Ir-rikapitalizzazzjoni ta' TUI*. Il-verżjoni pubblika ta' din id-deċiżjoni għadha ma hijiex disponibbli. Ara: https://ec.europa.eu/competition/eojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=3

¹²⁶ Il-Każ SA.63898, *L-Iżvezja - COVID-19 - Self mill-Istat lill-Konsorzju SAS*, ĠU C 33, 21.1.2022; u SA.63250, *Id-Danimarka - SA.63250 COVID-19 - Self issussidjat lil SAS*, ĠU C 33, 21.1.2022.

¹²⁷ Il-Każ SA.60113, *Il-Finlandja - Finnair - COVID-19 - self ibridu 107.2.b*, ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1.

¹²⁸ Il-Każ SA.60165 - Il-Portugall - Għajjnuna għar-ristrutturar għat-TAP SGPS.

¹²⁹ Il-Każ SA.63203, *Il-Ġermanja - Ir-ristrutturar ta' Condor*, ĠU C 429, 15.4.2021.

¹³⁰ Il-Każ SA.48171 - *L-Italja - Ilmenti kontra l-allegata għajjnuna mill-Istat lil Alitalia*.

¹³¹ Il-Każ SA.58173 - *L-Italja - Newco ITA*; Ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni tal-10.9.2021, "il-Kummissjoni ssib li t-trasportatur tal-ajru l-ġdid, ITA ma huwiex is-suċċessur ekonomiku ta' Alitalia u l-injezzjonijiet tal-kapital tal-Italja f'ITA huma konformi mas-suq", disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_21_4665

Kummissjoni sabet li l-linja tal-ajru Taljana l-għdida ITA, li hija mistennija tiegħu f'idejha parti mill-assi ta' Alitalia, ma hijiex is-suċċessur ekonomiku ta' Alitalia u għalhekk ma hijiex responsabbli li tħallas lura l-ghajjnuna illegali li rċeviet Alitalia. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-injezzjoni ta' kapital ta' EUR 1,35 biljun f'ITA kienet konformi mas-suq. Konsegwentement, l-injezzjonijiet ta' kapital ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont ir-regoli tal-UE.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza saret operazzjonali - It-tnejn tal-ħruġ mill-kriżi

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021¹³². Din tiffinanzja riformi u investimenti fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija fi Frar tal-2020 sal-31 ta' Diċembru 2026. L-RRF hija l-qofol ta' NextGenerationEU, strument ta' rkupru temporanju li jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor fondi sabiex tgħin fit-tiswija tad-dannu ekonomiku u soċjali immedjat li jirriżulta mill-pandemija tal-COVID-19.

L-għan tal-RRF¹³³ huwa li ttaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u li tagħmel l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-RRF jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor fondi sabiex tgħin lill-Istati Membri jimplementaw riformi u investimenti li huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE.

Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-RRF, l-Istati Membri jeħtiġilhom jissottomettu pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) lill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet jistabbilixxu r-riformi u l-proġetti ta' investiment pubbliku li kull Stat Membru qiegħed jippjana li jimplementa bl-appoġġ tal-RRF. Id-DĠ Kompetizzjoni pprova gwida¹³⁴ sabiex jakkumpanja u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-RRPs sabiex jiġi żgurat li l-proġetti ta' investiment u riforma appoġġati jkunu kompatibbli mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Id-DĠ Kompetizzjoni pprova wkoll gwida Prattika lill-Istati Membri għal trattament rapidu tan-notifiki ta' għajjnuna mill-Istat fi ħdan il-qafas tal-RRF¹³⁵.

6. Ngħaqqdu l-Forzi fit-Trawwim ta' Kultura ta' Kompetizzjoni Ewropea u Globali

6.1. Il-Koeżjoni ta' Politika permezz tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tiżgura l-applikazzjoni koerenti tal-Artikoli 101 u 102 permezz tan-NEK¹³⁶. Tnejn mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' appoġġ ewlenin fir-Regolament 1/2003 huma l-ewwel nett, l-obbligu fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs) li jinformat lill-Kummissjoni dwar investigazzjonijiet ġodda diġà fl-istadju tal-ewwel miżura formali ta' investigazzjoni u t-tieni, li jikkonsultaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet previsti. Fl-2021, tnedew 145 investigazzjoni għdida fi ħdan in-network u ġew sottomessi 84 deċiżjoni prevista.

¹³² Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.

¹³³ Ara t-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tagħti ħarsa ġenerali lejn kif qiegħda tavvanza l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza:

https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html

¹³⁴ Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/state-aid/coronavirus/rf-guiding-templates_en

https://ec.europa.eu/competition/state_aid/what_is_new/practical_guidance_to_MS_for_notifications_under_RRF.pdf

¹³⁶ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-Network tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 43-53 u ĠU C 374, 13.10.2016, p. 10. Ara: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=CELEX%3A52004XC0427%2802%29>.

Minbarra dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti fir-Regolament 1/2003, mekkaniżmi oħrajn ta' kooperazzjoni tan-NEK jiżguraw infurzar koerenti tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE bejn il-ġurisdizzjonijiet. Il-membri tan-NEK jiltaqgħu regolarment sabiex jiddiskutu każijiet, kwistjonijiet ta' politika u kwistjonijiet ta' importanza strateġika li jkunu għadhom kif infetħu. Fl-2021, il-gruppi ta' ħidma orizzontali u s-sottogruppi speċifiċi għas-settur organizzaw 37 laqgħa fejn l-uffiċjali tal-NCA kellhom skambju ta' fehmiet u esperjenza.

Fl-2021, il-Kummissjoni mmonitorjat u għenet lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex jinkorporaw id-Direttiva dwar in-NEK¹³⁷ fil-liġi nazzjonali. Dan kellu jsir sal-4 ta' Frar 2021. F'Marzu tal-2021, il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur kontra 22 Stat Membru minħabba li naqsu milli jinnotifikaw li kienu implimentaw id-Direttiva dwar l-NEK+ qabel l-iskadenza. Mit-22 Stat Membru, 14 sussegwentement nnotifikaw l-implimentazzjoni qabel tmiem l-2021. Qabel ma tagħlaq il-proċedimenti ta' ksur, il-Kummissjoni se tivverifika li d-Direttiva dwar in-NEK+ għet implimentata b'mod korrett. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tgħin lill-Istati Membri li kien fadal meta ffinalizzat l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

6.2. Il-kooperazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni madwar id-dinja

Ir-relazzjonijiet multilaterali

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tinvolvi ruħha b'mod attiv f'fora internazzjonali relatati mal-kompetizzjoni bħall-Kumitat għall-Kompetizzjoni tal-OECD, in-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni (ICN), u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD).

Fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-OECD tal-2021, il-Kummissjoni kkontribwiet għal diskussjonijiet dwar l-infurzar tal-kompetizzjoni u alternattivi regolatorji, programmi ta' konformità tal-kompetizzjoni, kompetizzjoni potenzjali, metodoloġiji għall-kejl tal-kompetizzjoni tas-suq, kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-infurzar tal-kompetizzjoni u l-promozzjoni tan-newtralità kompetittiva mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Bħala kopresident tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Imġiba Unilaterali tal-ICN, il-Kummissjoni kompliet proġett pluriennali li jivvaluta d-dominanza u s-saħħa fis-suq fis-swieq diġitali. Fl-2021, il-Kummissjoni ħadet sehem fid-19-il laqgħa tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tal-UNCTAD dwar il-Liġi u l-Politika tal-Kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha sabiex ittejjeb ir-regoli internazzjonali dwar is-sussidji. Ir-riforma tar-regoli dwar is-sussidji hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE meta jiġu rieżaminati r-regoli kummerċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ikkonfermat fid-dikjarazzjoni konġunta tal-UE, tal-Istati Uniti u tal-Ġappun¹³⁸.

¹³⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3-33.

¹³⁸ Ara: <https://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=2330>

Ir-relazzjonijiet bilaterali

F'Diċembru tal-2021, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Uniti nedew id-Djalogu Konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni fit-Teknoloġija sabiex jiżviluppaw approċċi komuni u jsaħħu l-kooperazzjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni fis-setturi tat-teknoloġija¹³⁹. Il-Kummissjoni baqgħet f'kuntatt mill-qrib mal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust tal-Korea u mal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust tal-Ġappun fl-ambitu tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni rispettivi¹⁴⁰. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet in-negozjati mal-Ġappun dwar Ftehim ta' Kooperazzjoni għall-Kompetizzjoni tat-Tieni Ġenerazzjoni¹⁴¹. Fir-rigward tal-abbozz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tat-Tieni Ġenerazzjoni bejn l-UE u l-Kanada, il-Kummissjoni hija f'kuntatt regolari mal-Uffiċċju Kanadiż tal-Kompetizzjoni sabiex issib soluzzjoni dwar l-istandards tal-protezzjoni tad-*data* fil-Kanada li huma konsistenti mal-istandards stabbiliti mill-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-Ftehim tal-2014 bejn l-UE u l-Kanada dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri¹⁴². Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha fil-politika tal-kompetizzjoni mal-Amministrazzjoni tal-Istat taċ-Ċina għar-Regolamentazzjoni tas-Suq fl-ambitu tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-2019¹⁴³.

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni u l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat meta tinneozja Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs). Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet in-negozjati għall-FTA mal-Awstralja, mal-Ażerbajġan, maċ-Ċili, mal-Indoneżja, ma' New Zealand u mal-Użbekistan.

Għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali, l-oġettiv ewlieni tal-politika tal-Kummissjoni huwa li tgħinhom meta jadottaw oqfsa legali għall-politika tal-kompetizzjoni, joħolqu awtoritajiet tal-kompetizzjoni indipendenti li jiffunzjonaw tajjeb u jibnu rekords tal-infurzar sodi. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-konformità tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali mal-impenji tagħhom fl-ambitu tal-ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Sabiex tiżviluppa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni kompliet tinvolvi ruħha wkoll ma' numru ta' awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Afrika. Fl-2021, il-Kummissjoni ospitat workshops konġunti mal-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni tal-Afrika t'Isfel dwar aspetti diġitali tal-politika tal-kompetizzjoni u dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

¹³⁹ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_21_6671

¹⁴⁰ Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/international/bilateral-relations/korea_en; https://ec.europa.eu/competition-policy/international/bilateral-relations/japan_en.

¹⁴¹ Ara: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:22003A0722\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:22003A0722(01))

¹⁴² Ara: <http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?pro=AVIS&num=C-1/15>. Bħalissa, il-Kanada qiegħda tħejji bidla radikali fl-att tagħha dwar il-privatezza domestika.

¹⁴³ Ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/international/bilateral-relations/china_en

Djalogu interistituzzjonali regolari u kostruttiv


Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huma sħab ewlenin għall-Kummissjoni fid-djalogi kontinwi dwar il-politika tal-kompetizzjoni. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, id-djalogi komplew fl-2021 permezz ta' laqgħat bil-persuni fiżikament preżenti u parteċipazzjoni mill-bogħod.

Fil-Parlament Ewropew, fl-2021, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ħadet sehem f'numru ta' skambji ta' fehmiet, inklużi djalogi dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, fil-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali kif ukoll fil-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Barra minn hekk, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager skambjat fehmiet mas-Sottokumitat għall-Kwistjonijiet Fiskali fuq it-tassazzjoni diġitali u l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-taxxa. Barra minn hekk, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ħadet sehem f'dibattiti plenarji dwar il-politika tal-kompetizzjoni; dwar il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Klima, l-Enerġija u l-Ambjent, dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali u dwar il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti. Fl-aħħar nett, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ħadet sehem f'diversi djalogi strutturati mal-kumitati tal-Parlament Ewropew, pereżempju fi djalogu strutturat mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.

Fir-rispons bil-miktub tagħha ta' Settembru tal-2021 għar-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-politika tal-kompetizzjoni (ir-relatur Van Overtveldt; ECR, BE), il-Kummissjoni enfasizzat, fost affarijiet oħra, l-adozzjoni tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, il-kriżi tal-COVID-19, l-investigazzjonijiet dwar il-prattiki tad-deċiżjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri u l-bidliet fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qajmet il-proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali u r-reviżjoni li għaddejja bħalissa tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (l-aktar importanti r-reviżjoni tal-EEAG li segwiet l-hekk imsejjaħ kontroll tal-idoneità).

Fl-2021, fil-Kunsill, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ħadet sehem fi skambji ta' fehmiet u f'dibattiti dwar kwistjonijiet ta' politika tal-kompetizzjoni, inklużi diversi laqgħat tal-Kunsill tal-Kompetittività - Is-suq Intern u l-industrija.

L-INFURZAR TAL-KOMPETIZZJONI FL-ANTITRUST U L-KARTELLI 2021



KONTROLL TAL-FUŻJONIJIET TAL-UE 2021



- Fażi 1 Deċiżjoni b'rimedji
- Fażi 2 Deċiżjoni b'rimedji
- Fażi 2 Deċiżjoni bla rimedji
- Fażi 2 infetħet iżda l-ftehim ġie abbandunat
- Ksur Proċedurali
- Tranżazzjoni Projbita